# Eddie Fenech Adami u Prinċipji bażiċi li jiffurmaw il-Partit Nazzjonalista

**Simon Mercieca**

## Preambolu

Waqt waħda mil-laqgħat li kelli, bħala membru tal-Kummissjoni magħmula mill-Partit Nazzjonalista biex tanalizza r-riżultat elettorali tal-2013 ma' diversi sezzjonijiet tal-Partit Nazzjonalista, iltqajt ma' mara anzjana, iżda verament simpatika u attiva ħafna fil-Partit Nazzjonalista. Kellmitni dwar l-esperjenzi tagħha fil-Partit Nazzjonalista. Hija qaltli li ilha timmilita fil-partit għal dawn l-aħħar 20 sena. Iżda l-ġibda lejn l-ideali tal-Partit Nazzjonalista jmorru wkoll lejn it-tfulija tagħha. Qaltilna li missierha kien Għawdxi. Biss mindu kienet żgħira ġiet imtellgħa fil-Partit Nazzjonalista. Kien żmien meta l-Partit Nazzjonalista kien meqjus bħala l-Partit ta' Għawdex. Hi rrakkuntat diskursata li darba, ta' tifla żgħira, kellha diskursata man-nannu tagħha. Dan in-nannu, darba staqsieha, "Taf aħna min aħna?' Ta tifla li kienet, pront pront qaltlu l-kunjom u l-laqam ta' kif in-nies kienu jafuhom. Iżda hu weġibha, "Le! Aħna Nazzjonalisti."

Dan hu t-tip ta' partit li Eddie Fenech Adami sab quddiemu meta ġie elett kap fl-1977. Stejjer bħal dawn żgur li kienu jgħiduhom l-attivisti fiż-żewġ partiti ewlenin Maltin. Forsi llum diskors bħal dan mat-tfal jiġi interpretat bħala indottrinazzjoni u għalhekk qed jonqsu fost il-partitarji taż-żewġ partiti. Żgur, iżda, li l-alleanzi storiċi fi ħdan il-partiti politiċi marbutin mal-mod ta' kif il-familji kienu jivvutaw se jkomplu jonqsu fil-futur. Naħseb dan hu grazzi għall-mod ta' kif ħaddem il-politika Eddie Fenech Adami. Ma kinetx politika perfetta. Kellha l-partiġjaniżmu

tagħha iżda l-ikbar konkwista li għamel il-Partit Nazzjonalista kienet dik fl-edukazzjoni. L-edukazzjoni ma baqgħetx meqjusa biss bħala l-għodda li tagħti l-ħiliet bażiċi tal-qari u l-kitba, kif kien qed jaraha l-Partit Laburista sal-1987, iżda issa sar ukoll mezz biex il-persuna tkun tista' tifforma l-ħsieb, b'mod indipendenti, fuq dak li taqra.

Jekk kien hemm prova tas-suċċess ta' din il-politika Nazzjonalista kienet l-elezzjoni tal-2013. Il-Partit Nazzjonalista llum huwa aktar fraġli mil-Labour, fejn jidħol il-'core voters' tiegħu. Fil-Labour, dan il-'core voter', jiġifieri li persuna tiddikjara li hija partitarja Laburista sal-mewt, għadu b'saħħtu. Hu aktar b'saħħtu minn dak tal-Partit Nazzjonalista. Biss din ir-riforma se tilħaq il-Partit Laburista wkoll. Matul l-ewwel ħames snin tal-amministrazzjoni ta' Joseph Muscat, dawk il-partitarji Laburisti li qed juru tħassib dwar il-politika tal-Gvern żdiedu iżda ma waslux fl-istadju li jaqsmu t-triq. Dan naħseb huwa waħda mir-raġunijiet li jikkonfermaw għala l-Labour ġab ir-riżultat li ġab fl-2017. Miegħu irid jiżdied, u dan se jkun il-bażi ta' din l-analiżi, li l-Partit Nazzjonalista qed jitbiegħed mill-għeruq storiċi tiegħu.

Ir-riżultat elettorali tal-2013 xaqqaq lill-Partit Nazzjonalista mill-fundamenti tiegħu. Dan wassal biex aktar minn qatt qabel, isiru mistoqsijiet dwar l-ideoloġija li l-Partit Nazzjonalista għandu jħaddan. Saru numru ta' appelli, inkluż minn akkademiċi, li wrew il-fehma li l-Partit Nazzjonalista għandu jimxi lejn ideoloġija liberali. Dan ifisser li jitbiegħed mill-ħsieb politiku ta' Eddie Fenech Adami li matul it-tmexxija tiegħu, il-Partit Nazzjonalista ġie ristrutturat fuq il-mudell tad-Demokrazija Kristjana fl-Italja. Il-fatt li l-'balena bianca' ma għadhiex teżisti, jiġġustifika t-tfittxija ta' ideali ġodda. Fenech Adami fforma l-ħsieb politiku tiegħu fl-iskola Taljana ta' Romano Guardini.

Dan il-ħsieb ta' Guardini mexxa primarjament l-ekonomija ta' pajjiżna matul il-ħmistax-il sena li Eddie Fenech Adami mexxa pajjiżna. Il-perjodu twil li l-Partit Nazzjonalista għamel fil-gvern wassal biex Malta kibret ekonomikament u l-poplu stagħna. Bdew ukoll deħlin ideat ġodda, li mhux dejjem kienu fil-linja tal-ħsieb Kattoliku li ħaddan il-Partit Nazzjonalista. Wieħed irid jiftakar li sa qabel l-1987, Malta kienet tħares lejn il-Lvant tal-Ewropa għall-għajnuna ekonomika. Illum, l-istess Laburisti jammettu li Malta hija aktar avvanzata minn dawn l-istess pajjiżi, li wara l-waqgħa tal-Komuniżmu, fittxew li jkunu parti minn dinja tal-Punent, kif maħsuba fl-Unjoni Ewropea.

Min-naħa l-oħra, l-ideali storiċi tal-istess Partit Nazzjonalista, li kienu tant għal qalb Fenech Adami qed iġiegħlu lill-Partit Nazzjonalista jidher

mal-midja, bħala partit għajjien, niexef fl-ideat u 'out of touch' mar-realtajiet ġodda li hu stess welled matul dawn is-snin ta' tmexxija ta' pajjiżna. Għalhekk jien se nkun qed nanalizza kemm hemm verità wara dawn l-affermazzjonijiet. B'hekk se nkun qed nirriproduċi kapitlu sħiħ li kien sar bħala parti mill-analiżi tat-telfa, iżda li ma kienx ġie inkluż fir-rapport u għalhekk nista' nippubblikah separatament. Anzi kienet Dr Ann Fenech li ħeġġitni biex nippubblikah separatament waqt waħda mil-laqgħat li kellha l-istess kummissjoni. Din il-kummissjoni kienet ġiet immexxija minn Fenech. Dan il-kapitlu, bħall-bqija tar-rapport, hu mibni fuq l-analiżi msejħa PESTLE, jiġifieri li ġrajja politika tkun analizzata fuq livell politiku (P), ekonomiku (E), Soċjali (S), Teknoloġiku (T), Legali (L) u Ambjentali (E). Imbagħad kull taqsima terġa' tkun analizzata f'din l-istess proċedura, jiġifieri kull sezzjoni terġa' tkun analizzata politikament, ekonomikament, soċjalment, teknoloġikament, legalment u fuq livell ta' ambjent.

## L-aspett politiku

Ħafna jaħsbu li l-ħsieb politiku modern oriġina fi Franza, eżattament matul ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Naħseb li wasal iż-żmien għar-reviżjoni storika ta' dan l-avveniment. Jekk xejn ir-rivoluzzjoni Franċiża ġabet fi tmiemha lil Franza bħala qawwa Ewropea. Sar-rivoluzzjoni, Franza kienet il-kap indiskuss tal-Ewropa. Minn mindu dan il-pajjiż kien ħaddan il-Kristjaneżmu u mbagħad il-Kattoliċiżmu, sar l-ikbar potenza Ewropea. Il-qawwa kienet kemm militari u anki ta' ħsieb. Il-metafiżika kien kunċett immexxi minn dan il-pajjiż. Ir-rivoluzzjoni ġabet fi tmiemu dan kollu. Minn wara r-Rivoluzzjoni Franċiża, għandna tliet stati ġodda li se jiġġieldu għat-tmexxija tal-Ewropa, jiġifieri l-Ingilterra, il-Prussja (li wara saret il-Ġermanja) u r-Russja. Franza kulma tmur qed taqa' fi krepuskolu intellettwali u anki politiku.

Minn dawn it-tliet potenzi, l-aktar waħda importanti għall-ħsieb politiku hija dik Tedeska. Naħseb li għal dak li hu ħsieb politiku, wieħed irid jieqaf għal dak li ġara fi Francoforte fl-1927, meta f'din il-belt twaqqfet skola ta' ħsieb politiku, magħrufa bħala l-iskola ta' Francoforte. Fost il-ħassieba tagħha nsibu lil Adorno u Marcuse. Kienet din l-iskola li ddikjarat it-tmiem tal-metafiżika bħala kunċett filosofiku waqt li saħqet li l-Filosofija għandha tibbaża fuq ix-Xjenza. Kienet din l-iskola li b'suċċess neħħiet ir-Reliġjon – primarjament dik Kristjana u Kattolika – mill-ħsieb politiku u

ġabitu irrilevanti għat-tmexxija tal-Istat. Kienet din l-iskola li bbażat il-ħsieb politiku tagħha u indirizzatu għal klassi soċjali partikolari – dik borgesa – jiġifieri dik il-klassi li llum tiddetermina min imexxi pajjiż f'sistema demokratika.

Fid-dominanza tal-Ġermanja fuq l-Ewropa, dan il-ħsieb politiku qed isir aktar u aktar relevanti u qed narawh ikun attwat f'pajjiżna b'suċċess, jew forsi jidher b'suċċess. Mhux se nidħol fit-tul dwaru, għaliex immur 'il barra mill-iskop ta' dan l-istudju, iżda r-reazzjoni għalih qed narawha tiġri mal-Ewropa kollha – jiġifieri l-avvanz tal-Partit tal-Lemin Estrem fuq naħa, u t-talba ta' xi nies, bħal Papa Franġisku li f'daqqa waħda reġgħu ġabu f'relevanza storika, dak li l-Marxisti kienu jqisu bħala l-proletarjat. Dan għaliex din il-faxxa ta' isfel, din l-iskola ta' Francoforte injoratha, anzi qisitha bħala l-għadu tagħha. Il-messaġġ kien ċar. Jew tittella' għal-livell ta' borgeżija u tħaddem il-kultura l-ġdida u taċċetta li x-xjenza saret l-alla l-ġdid tal-umanità jew titlef rasha. Minflok, qed tkun l-istess borgeżija li titlef is-saħħa tagħha għax l-avvanz politiku li għamlet, bħalma l-istess storja ta' pajjiżna turi, sar grazzi għal din il-klassi ta' isfel. Hija din il-klassi li tagħmel il-għlidiet politiċi. Min jirbaħ il-qalb ta' din il-klassi, jirbaħ il-battalji politiċi.

## L-ideal tal-Partit Nazzjonalista

Jekk f'għajnejn ħafna partitarji Nazzjonalisti, Eddie Fenech Adami jidher bħala 'statesman', min-naħa l-oħra, il-wirt Kattoliku tiegħu qed jitqies li fatam lill-Partit Nazzjonalista mill-kunċetti jew ideali politiċi mbuttati minn din l-iskola Ġermaniża li llum saru l-pilastri tal-politika tal-Unjoni Ewropea. Kważi kważi, il-fatt li daħħal lil Malta fl-Unjoni Ewropea qed jibda jidher mal-elettorat konservattiv li Eddie Fenech u l-Partit Nazzjonalista eżawrixxew l-ideal tal-eżistenza tagħhom jekk mhux ukoll irvinaw lil pajjiżna. Il-perjodu ta' konsolidament ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea tħalla f'idejn is-suċċessur tiegħu, Lawrence Gonzi. Dan il-perjodu wassal biex il-Partit Nazzjonalista deher aktar u aktar mingħajr l-ebda ideali li wieħed għandu għalfejn jiġġieled għalihom.

Fil-verità s-soċjetà tal-lum għandha bżonn ideali politiċi u se tkun qed tfittex ideali politiċi aktar minn qatt qabel speċjalment meta l-iskola ta' Francoforte se ddaħħal lil din l-Ewropa fi kriżi. Nemmen li l-ideali għandhom jibqgħu l-istess, bħalma kienu fi żmien Fenech Adami. Iżda l-aktar ħaġa inkwetanti hi li kien hemm individwi fil-Partit Nazzjonalista

li kellhom kull interess li ċerti valuri, hekk imsejħa 'tradizzjonali' ma jibqgħux b'saħħithom f'dan l-istess Partit Nazzjonalista. Fenech Adami evita l-konfrontazzjoni. Biss il-figura tiegħu kienet b'saħħitha wisq biex iqajmu rashom fi żmienu. Fuq kollox, min kien jagħmel pass żbaljat, Eddie Fenech Adami kien jisfidah direttament. Minflok, dawn it-talin użaw iż-żmien tagħhom fil-gvern biex iħaxxnu bwiethom waqt li ħadmu biex ipinġu l-valuri tal-Partit Nazzjonalista bħala mnawra jew 'corrupted' u allura ma jkunx baqa' raġuni għaliex wieħed jiġġieled għalihom.

## Il-prinċipji bażiċi

Waqt li xejn fil-politika ma għandu jkun domma ta' fidi, nemmen li hemm numru ta' ideali li ma għandhom qatt ikunu diskutibbli jew li l-Partit Nazzjonalista qatt jista' jaċċetta li jinnegozja. Naħseb li dan kien il-*forte* ta' Fenech Adami. Għal ħafna, dan żgur ma għadux jgħodd illum. Iżda dawn il-prinċipji ta' Fenech Adami huma l-prinċipji bażiċi ta' kull Partit Popolari. Forsi ftit jafu li l-kunċett ta' Partit Popolari ġie mwieled f'Malta, minn Ignazio Panzavecchia, li hu l-veru fundatur tal-Partit Nazzjonalista. Hu kien il-bniedem li għaraf il-qawwa tal-proletarjat f'Malta u kien wieħed mill-ftit li tkellem favur il-ħaddiema fil-kriżi tal-1919. Iżda għax kien qassis mill-Isla, il-Liberali ħolqu l-ħrafa li dan il-partit inħoloq minn Fortunato Mizzi. Illum il-Partit Nazzjonalista jistħi jgħid li kien Panzavecchia l-fundatur tiegħu. B'hekk qed iħalli lil-liberali fi ħdanu jibnu immaġni falza ta' partit liberali li qatt ma kien. Kien Panzavecchia li ħoloq il-ħsieb popolari u dan kien jinkludi fih il-ġustizzja soċjali u l-inklussività. Magħhom hemm dawk il-prinċipji li qed jidhru aktar u aktar konnessi mal-Partit Popolari, jiġifieri x-xewqa politika li wieħed jiġġieled kull impożizzjoni ta' poter jew it-tħaddim tiegħu b'mod arbitrarju. Dawn huma prinċipji miktuba fil-ġebel, parti mir-ruħ fundamentali tal-Partit Nazzjonalista tal-lum u dak tal-futur. Meta l-Partit Nazzjonalista beda jinnegozzja dawn il-prinċipji, beda jitlef ruħu. Deher bħala partit li qed ifittex, kif darba qalli Peppinu Cassar, li jagħmel partit ieħor. Kellu biss qoxra Nazzjonalista. Mill-bqija sar assoċjazzjoni oħra jew, kif jgħid tajjeb Santu Wistin, xejn ħlief għar tal-ħallenin.

M'hemmx dubju li dawn il-prinċipji mitkellma hawn fuq, rajniehom jitħaddmu b'modi differenti u ngħataw importanza u interpretazzjoni differenti matul l-istorja tal-Partit Nazzjonalista. Iżda dan ma jfissirx li m'hemmx prinċipji bażiċi li wħud minnhom qed narawhom jiġu inkorporati

fil-prinċipji ġodda immodellati fuq il-kunċett ta' 'human rights' jew dak li l-Amerikani issa qed isejħu bħala 'Civil Rights'. Il-kunċett ta' 'human rights' hu wieħed li oriġina fl-Ewropa. Dak Amerikan hu kemxejn differenti minnu u jista' jmur dijametrikament oppost għal dan il-kunċett Ewropew. Kienet l-iskola ta' Francoforte li mexxiet il-prinċipji ta' drittijiet individwali u l-arbitrarjetà ta' dawn id-drittijiet fil-qasam politiku. Il-problema llum għall-Partit Nazzjonalista hi li qed iħaddan dawn il-prinċipji mingħajr ma jkun hemm diskussjoni miftuħa fi ħdan l-istess partit. Taħt it-tmexxija ta' Simon Busuttil, studji akkademiċi saru biss proċessi mhux bżonjużi u irrelevanti għall-ħajja ta' kuljum.[180]

Wara l-elezzjoni tat-2013, għal ħafna, l-ikbar sfida kienet dik dwar kif il-Partit Nazzjonalista seta' jerġa' jinbena mill-ġdid u jsir dak il-partit glorjuż bħalma kien fi żmien Eddie Fenech Adami. Din l-isfida kienet qabelxejn waħda amministrattiva aktar milli ideoloġika. Wara ħames snin, din l-isfida saret waħda amministrattiva u ideoloġika. Diġà fl-2013 kien ħareġ ċar li l-Partit Nazzjonalista għandu riżorsi limitati. Dawk umani diġà kienu kbar u b'saħħithom. Din l-isfida kienet ġiet imfissra bħala fejn "everyone is given space, sharing different beliefs but toeing the same party line". Hermann Schiavone kien diġà saħaq li l-ikbar sfida allura hija dik ta' kif il-mexxej il-ġdid jista' jasal għal mudell ġdid "without compromising our fundamental beliefs."[181]

## Erba' toroq ta' azzjoni politika

Affirmazzjoni bħal din diġà kienet turi li fl-2013 il-Partit Nazzjonalista kien jinsab f'salib it-toroq. Dakinhar il-Partit Nazzjonalista kellu quddiemu erba' toroq li ġew identifikati lill-Kummissjoni li għamlet l-analiżi ta' din it-telfa kif ġej:

a) jaħdmu lejn il-promozzjoni ta' valuri bħalma dejjem għamel jew ipprova jagħmel il-Partit Nazzjonalista, iżda bil-mod modern tal-lum

180 F'kumment li għadda fuq Facebook, l-Avukat Joe Ellis, li kien il-kandidat stilla ta' Simon Busuttil għal Għawdex, iddefenda d-deċiżjoni ta' Simon Busuttil li ma jagħmilx Rapport tat-Telfa Elettorali tal-2017 bħala "Any report about the electoral defeat would just be an academic exercise with no practical use."

181 http://www.timesofmalta.com/articles/view/20130328/opinion/Strong-PN-shall-remain.463332.

b) wieħed jinsa dwar il-valuri u jilgħab il-logħba tal- PL

c) jagħmel ftit mit-tnejn

d) jerġa' joħloq lilu nnifsu għal xi ħaġa kompletament ġdida.

F'dawn l-aħħar erba' snin, il-Partit Nazzjonalista għażel it-tieni triq. Iżda qabel ma naraw jekk din kinetx l-aħjar għażla, irridu nkunu nafu aħjar il-wirt ideoloġiku li għandu dan l-istess partit.

## L-għażla pluri-dimensjonali

Ftit kienu dawk li kitbu lill-Kummissjoni u wrew il-fehma li l-Partit Nazzjonalista għandu jkollu 'one-dimensional view', u dawn kienu kollha, bla ebda eċċezzjoni, jitkellmu dwar li l-Partit Nazzjonalista għandu jaqbad it-triq tal-Liberaliżmu, anki jekk, hawn wieħed irid jistqarr u jgħid li dawk kollha li tkellmu mal-Kummissjoni dwar dan il-punt, tkellmu dwar liberaliżmu ta' ħsieb aktar milli ta' kunċetti ekonomiċi, anki jekk, ċerti ħsibijiet espressi minn dawn it-talin se jwasslu wkoll lejn liberaliżmu ekonomiku assolut.

Joħroġ ċar ħafna mir-risposti li ħadet il-Kummissjoni, li l-maġġoranza assoluta tal-partitarji Nazzjonalisti kważi b'mod plebexxitarju, jaħsbu li l-partit għandu jibqa' jħaddem il-prinċipji storiċi tiegħu. Dan ifisser li l-Partit Nazzjonalista jrid jibqa' partit politikament kuraġġuż li ma jibżax jgħid il-verità. Biss jirrikjedi wkoll li l-mexxejja tiegħu jibqgħu 'unrelenting humanists' fis-sens klassiku tat-terminu, jiġifieri kif l-umaniżmu ġie maħsub u mifhum mill-ħassieb kbir, Erasmu ta' Rotterdam. Il-mexxej ma jistax ikun politiku li jitħalla jitkaxkar mill-kurrenti populisti. Il-kobor ta' Fenech Adami jinsab f'dan il-fatt. Partit li jkun fl-oppożizzjoni faċilment jaqa' f'dawn il-kurrenti. U hekk ġara f'dawn l-aħħar erba' snin. Kontra dak kollu li jingħad, kien grazzi għall-fatt storiku li l-Partit Nazzjonalista żamm mal-prinċipji storiċi tiegħu, li rnexxielu biex f'dawn l-aħħar 25 sena, naqqas il-faqar, żied l-edukazzjoni u għamel soċjetà aktar ġusta u inklussiva.

Fi kliem ieħor, il-viżjoni l-aktar espressa min-nies lejn il-kummissjoni kienet dik li l-Partit Nazzjonalista għandu jkun pluri-dimensjonali, jiġifieri miftuħ għal kulħadd, iżda dan il-ftuħ għandu jkun magħmul fit-tradizzjoni Nazzjonalista, fir-riskoperta tal-għeruq tiegħu, li kulħadd kien jafhom, iżda jidher li f'dawn l-aħħar snin, ċerti kurrenti ta' ħsieb liberali kienu ħafna aktar

qawwija u ħonqu l-ħsibijiet popolari tas-solidarjetà. "L-ewwel jien" beda jsir prinċipju dominanti ta' din l-ideoloġija liberali. Dawn il-ħsibijiet ġew espressi b'mod tajjeb ħafna mill-erba' kontestanti għat-tmexxija tal-Partit Nazzjonalista fl-2013, għax kollha tkellmu, mingħajr tlaqliq, li l-Partit Nazzjonalista għandu jerġa' jmur għall-għeruq popolari tiegħu, u jsir il-Partit tal-Poplu. Meta kienu qed jitkellmu b'dan il-mod, ma kinux qed jitkellmu dwar dak li huma xtaqu iżda dwar dak li l-partitarji stess kienu qed jgħidulhom x'jixtiequ għall-Partit Nazzjonalista. Hija ħasra li meta Simon Busuttil sar kap, mar dijametrikament oppost għal dawn l-istess ħsibijiet b'riżultat diżastruż għal dan l-istess partit.

Għalhekk meta George Pullicino kiteb f'ġurnal lokali li, "while we must remain sensitive to the changes that are taking place within society, we must continue to shape our politics according to the three pillars of the Christian tradition: solidarity, tolerance and respect for nature,"[182] ma kienx qed jesprimi ħsibijiet personali iżda l-ħsibijiet tal-massa tal-partitarji Nazzjonalisti. Fi kliem ieħor, l-istess partitarji kienu qed jitolbu li l-Partit Nazzjonalista jżomm mal-ewwel punt (mill-erbgħa miktuba fuq), dak li *a)* jaħdmu lejn il-promozzjoni ta' valuri bħalma dejjem għamel jew ipprova jagħmel, iżda bil-mod modern tal-lum.

## Tliet għażliet ta' ħsieb politiku fl-għażla pluri-dimensjonali

Issa li affermajna li l-Partit Nazzjonalista kellu jibqa' mal-ewwel triq, jiġifieri dik tal-ideali storiċi tiegħu, u mhux fit-triq li ħadu Simon Busuttil u sħabu, wieħed irid jara fejn din l-istess triq kienet se twasslu. Għal darb'oħra, hawn ma hawnx triq waħda. Din it-triq terġa' tiftaħ fi tliet direzzjonijiet differenti. Bħalma l-ewwel fundaturi tal-Partit Nazzjonalista ispiraw ruħhom mill-enċiklika *Rerum Novarum*, enċiklika dwar ix-xogħol, li l-valur u r-risposti tagħha qed ikunu aktar u aktar valutati, illum aktar minn 100 sena wara, hekk ukoll, għal dawn ir-risposti se nkunu qed niddependu minn ħsibijiet espressi minn kurrenti ġodda. Fuq quddiem nett hemm dawk il-ħsibijiet espressi minn Benedettu XVI dwar il-politika. Magħhom wieħed iżid ir-riskoperta ta' prinċipji qodma bħal dawk tal-filosfu Ingliż Edmond Burke, li llum qed jitqiesu li jagħmlu l-bażi għall-ħsieb konservattiv Ewropew.

182 George Pullicino, "Reflections on Gonzi's leadership," Times of Malta, *6 May 2013,* http://www.timesofmalta.com/articles/view/20130506/opinion/Reflections-on-Gonzi-s-leadership.468523.

Peress li l-Partit Nazzjonalista kien minn dejjem magħmul minn aktar minn kurrent wieħed ta' ħsieb, l-ewwel triq li għandu quddiemu hi dik tad-dissonanza, jiġifieri li jirrikonoxxi d-differenzi ta' ħsibijiet interni. Jekk il-Partit irid jaqbad din it-triq, allura jrid jiddeċentralizza waqt li jsaħħaħ il-gruppi varji, fuq livelli distrettwali u lokali. Din għandha r-riskji tagħha għaliex tista' twassal għall-frammentazzjoni tal-istess partit, għal dik li l-kritika politika Marxista ssejjaħ 'atomization' tal-istrutturi u allura tista' twassal għad-dgħufija.

Min-naħa l-oħra, it-tieni triq hija dik ta' partit monolit, li jħaddan ħsieb dominanti wieħed, jew dak kattoliku jew dak liberali. Din hija triq li qabad Simon Busuttil. Din hija t-triq li riedu l-Liberali fi ħdan dan il-partit. Hawn fejn żballja l-Partit Nazzjonalista. Kontra dak li jingħad dwar il-ħsieb Kattoliku, il-ħsieb Liberali hu perikoluż għax mhu liberali xejn. Fil-prattika, il-filosofija liberali hija filosofija totalitarja. Hi liberali ħafna miċ-ċintorin 'l isfel, iżda monolita u konfessjonali meta niġu għall-ħsieb jew possedimenti personali, għaliex illum, aktar minn qatt qabel, qed tieħu pożizzjoni illiberali. Jiġifieri jekk wieħed jaqbel mal-ħsieb liberali wieħed hu 'tajjeb', jekk le, m'hemmx postu fis-soċjetà l-ġdida li qed tinbena. L-ugwaljanza tal-ideat ma teżistix iżda tiddomina l-idea ta' differenza, jiġifieri ta' ideat distintivi. Għalhekk, huwa ħsieb li jwarrab kull sens ta' etika fejn jidħlu l-profitti u l-flus.

F'dinja fejn il-liberaliżmu bla ruħ qed jissaħħaħ, in-nies trid u qed tfittex aktar is-sempliċità. Trid nies sempliċi u mhux distinti fil-mexxejja tagħha. Fi kliem ieħor, il-liberaliżmu sar reliġjon ġdida, ibbażata fuq dak li jista' jissejjaħ 'judgmentalism', pożizzjoni li konna naħsbu li kienet preżenti fir-reliġjonijiet tal-passat iżda bħar-reliġjonijiet 'qodma', il-liberali ma għandhomx problema biex jiskomunikaw lill-oħrajn li ma jaqblux magħhom fuq bażi ta' ideat. Dan hu dak li ġie kkwalifikat tajjeb minn Benedittu XVI bħala d-dittatura tar-relattiviżmu. Hi x'inhi, f'kull waħda minn dawn it-toroq, kemm jekk ikompli fuq il-prinċipju tar-reliġjon Kattolika jew dik ġdida liberali, hemm ir-riskju li l-Partit jispiċċa xi tip ta' setta arkajka u elitista. Dan l-element ta' elitiżmu joħroġ tajjeb ħafna fil-kitbiet ta' Daphne Caruana Galizia li hija l-*loudspeaker* tal-liberali Nazzjonalisti u li Simon Busuttil għamilha l-alla tiegħu. Biss dan mhuwiex l-aspirazzjoni tan-nies. Dak kien diġà ġie evidenzjat mill-analiżi tat-telfa tal-2013.

Imbagħad hemm it-tielet triq. Dik storika, murija ġa minn Ignazio Panzavecchia, kważi mitt sena ilu, dik ta' Partit Popolari (iżda mhux populista) mibni fuq prinċipji Latini-Mediterranji, jiġifieri ta' ispirazzjoni

umanista fit-terminu klassiku (u mhux Anglofonu) tagħha. Dan ifisser li jkun hemm post għall-aktar parteċipazzjoni u l-*engagement* mill-bażi. Il-mudelli qodma ta' *engagement* soċjali, impenn kulturali, fejn l-ekonomija u s-sistema finanzjarja huma bbażati fuq prinċipji etiċi. Dawn għandhom ikunu l-bażi ta' din il-politika ġdida. Fuq il-mudell ta' Panzavecchia, il-Partit Nazzjonalista jista' jerġa' jkun komunità ta' nies ugwali, fejn il-prinċipji kardinali jkunu dawk ta' partit effiċjenti, miftuħ *(transparent)* u 'accountable'.

F'din il-parti tar-rapport kont ktibt u għedt li naħseb li l-istil irid jkun wieħed sempliċi. Kif jgħidu l-Ingliżi, 'simplicity is chic'. Għalhekk, l-ideoloġija tal-Partit Nazzjonalista qatt ma tista' tkun dijametrikament opposta għall-bżonnijiet tan-nies fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Fil-verità l-politika tal-Gvern, jew aħjar kif kienet imħaddma minn xi uħud qabel l-2013, kienet dijametrikament opposta għall-aspirazzjonijiet tal-poplu tagħna. Anzi, il-mod kif ġabu ruħhom ċerti individwi f'awtoritajiet u dipartimenti tal-Gvern dehru man-nies bħala persuni awtokratiċi, li qed jużaw il-poter tagħhom b'mod arbitrarju. Wara t-telfa tal-2013, dawn l-istili awtokratiċi baqgħu jiddominaw fl-istrutturi kollha tal-Partit Nazzjonalista.

Dan imur direttament kontra l-aspirazzjonijiet li wasslu biex nies ifittxu li jkunu parti minn Partit Konservattiv. Anzi ma jibqgħux jagħrfu lilhom infushom fih. Dan imur kontra kull prinċipju ta' sussidjarjetà li tant kien jitkellem dwaru l-Partit Nazzjonalista. Dan l-element kien ġa tkellem dwaru Edmond Burke meta ddefenda d-dritt tal-Kattoliċi fl-Ingilterra Anglikana, kif ukoll meta ħadha kontra r-Rivoluzzjoni Franċiża għax ra fiha l-impostazzjoni tal-massa fuq il-ħsieb liberu tal-individwu. Għalhekk, dawn l-ideali passati jridu jiġu ppreżentati f'forom ġodda. It-triq li l-Partit Nazzjonalista ried jieħu kienet ta' diskussjoni mal-membri tiegħu l-ewwel u wara mas-soċjetà ċivili. Fi kliem ieħor ried jisma' aktar dak li riedu mingħandu l-membri tiegħu. Fl-2017 reġgħu nstemgħu l-istess diskorsi minn dawk li kienu qed jikkontestaw għat-tmexxija ta' dan il-Partit bħalma konna smajna fl-2013!

Il-Partit Nazzjonalista jrid jerġa' jsir komunità ta' nies ugwali. Il-ħsieb liberali waħdu ma jistax iwassal għal dan l-ideal ta' ugwaljanza għaliex fil-ħsieb liberali tiddomina l-idea tad-differenza u din kienet il-kawża ta' ħafna mill-inkwiet intern ta' dawn l-aħħar snin fil-Partit Nazzjonalista. Il-ħsieb liberali jinbena fuq l-ideali tad-distintività. Kif ikkummenta xi ħadd mal-Kummissjoni fl-2013, kienet id-dominanza ta' dan il-ħsieb li wasslet biex dak li qed ikun diskritt bħala x-xellug fil-Partit Nazzjonalista jitwarrab, u kif

rajna x-xellug f'dan il-partit kien ta' ispirazzjoni Kattolika; persuna li kienet tirrappreżenta parti minn dan il-kurrent fil-Partit Nazzjonalista kitbitilna hekk: "Please read my lips, the PN has become an amputee when in the recent past it truncated its left, its listening powers, and strived to focus on merely (not to say patronisingly) spouting words at all and sundry". Dan huwa eżattament dak li jagħmel il-liberaliżmu, jippreżenta ġisem bla ruħ. Meta dan ikun trasformat għad-dinja reali, ir-reazzjoni tan-nies se tkun dik li tfittex dejjem aktar is-sempliċità fil-mexxejja tagħha: trid nies sempliċi u mhux distinti. Minflok marret għal xellug ġdid, dak manifatturat fl-awli tal-Università ta' kunċetti akkademiċi bbażati fuq ħassieba u intellettwali Marxisti.

L-għażla ta' din it-triq kienet tippreżenta sfida, iżda fl-istess ħin kienet prova ċara li l-Partit Nazzjonalista kellu futur quddiemu. Din it-triq tfisser li hu jibqa' fidil lejn l-ideali popolari li sawruh matul dawn l-għexieren ta' snin, u tawh il-viżjoni tiegħu. Tfisser ir-riskoperta ta' nies bħal Ignazio Panzavecchia jew Ugo Mifsud, anki jekk forsi llum ġew imwarrba mill-annali tal-istorja tal-istess partit, li bħalma rajna kienu huma li għall-ewwel darba raw f'għaqda politika moviment popolari ta' massa ta' nies f'dinja ġdida li bdiet tikber f'Malta fil-bidu tas-seklu 20, meta l-gżira bdiet bil-mod il-mod tesperjenza l-kambjamenti soċjali u ekonomiċi li r-rivoluzzjoni industrijali bdiet iġġib magħha.

## In-Neo-Liberali

Għalhekk, din l-ekwazzjoni li l-istess membri tal-Partit Nazzjonalista kienu qed jinsistu dwarha fl-2013 kienet tirrifletti l-ħsieb dominanti li kien qed jikber f'dik il-ħabta. Huma xtaqu Partit Konservattiv fis-sens modern Ewropew, iżda mhux skont il-mudell Ingliż. Imma l-qalba tat-tmexxija tal-Partit Nazzjonalista riedet tibni partit fuq il-mudell tal-Konservattivi Ingliżi. Kif innota tajjeb Jonathan Ford, il-Konservattivi fl-Ingilterra kellhom ħabta, kif "advocated a shopping list of contradictory causes, including at various times free trade, mercantilism, liberalism and authoritarianism. This used to be their secret weapon."[183] Dan wassal għal rebħiet elettorali fil-passat.

183 Kieron O'Hara, Conservatism, (Reaktion Books, 2011*)*, Review by Jonathan Ford, http://www.ft.com/intl/cms/s/2/2da55d7a-9673-11e0-afc5-00144feab49a.html#axzz2TLRTLtSY, Financial Times, 18th June, 2011.

Malta ma kinetx eċċezzjoni u dan kien anki l-mudell politiku u forsi l-aktar li ngħata importanza fil-kampanja elettorali tal-2013 u llum qed jintuża mill-Gvern Laburista. Iżda xorta ma wassalx biex il-Partit Nazzjonalista joħroġ rebbieħ kemm fl-2013 u fl-2017. Anzi, illum nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li dan il-mudell Ingliż kien il-kawża għala l-Partit Nazzjonalista tkisser f'dawn l-aħħar erba' snin.

Fl-2013, it-telfa ġiet attribwita għall-pożizzjoni li ħa l-Partit Nazzjonalista fuq id-divorzju. It-telfa tal-2017 uriet biċ-ċar li din l-analiżi kienet ħażina. Fil-verità, il-pożizzjoni liberali li ħa l-PN wara l-2013 ġabet fuqu s-sitwazzjoni li ddeskriva Ford għal sitwazzjonijiet simili: "in an ever less fixed and more culturally fluid century, it has come to be seen as more of a weakness than a strength."

Fil-kummenti li l-kummissjoni rċeviet fl-2013, kien hemm min innota li l-Partit Nazzjonalista ntrikeb mill-kurrenti tal-individwaliżmu, fejn il-partit ma baqax jiġi l-ewwel, u dak li beda jiġi l-ewwel kienu l-interessi personali. Saħansitra dan il-fenomenu ġie deskritt bħala l-eredità politika ta' John Dalli, b'riferenza għal mudelli ekonomiċi li Dalli introduċa f'pajjiżna. F'dan il-kuntest, ir-rebħa ta' Lawrence Gonzi fl-2004 minn barra dehret ir-rebħa tal-ideali politiċi fuq l-interessi individwali. Għalhekk, kbira kemm kienet kbira din it-telfa tal-2013, żgur li setgħet kienet ħafna ikbar, u kienet se ssir ikbar jekk il-partit kien ser jibqa' sejjer fuq din ir-rotta tal-individwaliżmu, kif fil-fatt ġara. Anzi, nemmen li kienet biss is-saħħa ideoloġika tal-Partit Nazzjonalista li żammitu milli jkollu telfa akbar fl-2013.

Fil-kodiċi ġenetiku tiegħu, il-kapitaliżmu neoliberali jġorr fih l-ingredjenti kollha favur l-inġustizzja u l-inugwaljanza soċjali fil-promozzjoni tal-interessi personali, tal-ewwel jien. Il-problema tan-neo-liberali hija li l-politika tagħhom hi marbuta mas-swieq u, bħalma nnota xi ħadd, li kiteb lill-Kummissjoni, dan *l-attachment* mas-swieq hu fih innifsu "a breach of the knowledge principle, makes them too prone to promote incautious and radical change."

Fl-2013 kont nibża' li l-politika kurrenti tal-Labour, taħt il-kappa ta' progressiv u moderat, taħbi t-tkomplija ta' din il-politika neo-liberali. Iż-żmien hu l-imħallef u tana parir.

Quddiem din is-sitwazzjoni, il-Partit Nazzjonalista jrid ikompli jitkellem bl-ilsien tal-poplu, b'lingwa li l-poplu jifhimha. Għalhekk irid ikun kritiku tal-impatt tas-suq ħieles u li l-liberaliżmu illiberali qed iħalli fuq is-soċjetà tagħna. Wieħed ma jrid jinsa qatt, anzi, dejjem għandu jiftakar, li l-poter hu għas-servizz tal-poplu, xi ħaġa li l-ħsieb liberali jiġi jitmellaħ minnu.

## Il-Ġustizzja Soċjali

Naħseb li l-wasla ta' dan il-Papa ġdid, Franġisku, tista' tgħin lill-Partit Nazzjonalista jirrifletti, anzi kliemu jgħodd sew għal dan il-mument li qed jgħix fih il-Partit Nazzjonalista, jiġifieri aktar milli kliem ta' kundanna u tmaqdir hemm bżonn ta' kliem ta' mħabba u ħniena. Naħseb li l-wasla tiegħu reġgħet ġabet u qawwiet il-messaġġ nisrani, waqt li wera r-relevanza tiegħu. Kien dan il-messaġġ soċjali li ispira ruħu minnu l-Partit Nazzjonalista fil-passat. Il-ħniena, spjega Papa Franġisku, tbiddel kollox. Hija tbiddel il-familja u tagħmel pajjiż inqas kiesaħ u aktar ġust. Kliem ta' mibegħda u ħdura jwassal biss għall-emarġinazzjoni tal-Partit Nazzjonalista, kif fil-fatt qed jiġri.

Dan ifisser li l-Partit Nazzjonalista jrid isir aktar 'outspoken' favur il-ġustizzja soċjali, triq li telaq fiha matul it-tmexxija ta' Eddie Fenech Adami. Fi kliem ieħor, diġà fl-2013, in-Nazzjonalisti wrew ix-xewqa li l-mexxej irid ikollu qalb kbira u id soda. Dan is-sentiment reġa' tela' fil-wiċċ matul il-kampanja tal-għażla tal-mexxej ġdid fl-2017.

Ġa fl-2013, deher ċar li din l-għajta se ssir aktar relevanti għaliex il-mixja tas-sekulariżmu f'Malta ser tfittex biex titfi l-għajta tal-ġustizzja soċjali. Anzi, il-vittmi ta' dan is-sekulariżmu aċiduż se jkun iż-żgħir u l-batuti l-ġodda tas-soċjetà tagħna. Din l-għajta għall-ġustizzja soċjali ma tistax titwassal, la mix-xellugin u wisq inqas mil-liberali (hawn liberali qed jitqies bħala moviment politiku fih innifsu), li qatt ma emmnu fil-vera ġustizzja soċjali. Minħabba li x-xellugin saru issa parti mill-ħsieb radikali tas-sekularizzazzjoni, ħsieb li fih innifsu sar 'battle cry' tax-xellugin, wara li tilfu l-identità tagħhom bil-falliment tal-Komuniżmu, dawk li se jaqgħu fuq il-marġini tas-soċjetà se jfittxu liċ-ċentru għall-għajnuna. Jekk ma jsibux l-għajnuna hemm, se tinfetaħ xena ġdida fil-politika Maltija, se jkun ikkreat spazju għal-lemin estrem li, fil-każ ta' Malta, dan il-moviment kien wara l-għajta ta' Dr Joseph Muscat fl-2013. Infatti, fl-elezzjoni tal-2013, dawk ta' ispirizzjoni tal-Lemin Estrem lanqas ħarġu bħala partit għall-elezzjoni għaliex qiesu lil Dr Muscat il-persuna li qed tilħaq l-aspirazzjonijiet tagħhom. Allura t-traġedja għal din il-massa ta' nies hija miktuba fuq il-ħajt u naħseb li l-Partit Nazzjonalista jrid ikun lest għal din l-isfida. Kont għedtha ċar fl-2013. Ikun żball kbir, u żgur jitlef din l-istess sfida, jekk it-tiġdid li hemm bżonn li jsir f'dan il-partit, ma jsirx fit-tradizzjoni politika tal-Partit Nazzjonalista.

## Il-Kanoni Kattoliċi

Fit-tradizzjoni politika Nazzjonalista, it-twemmin nisrani kellu (u għal ħafna għad għandu) importanza partikolari. Storikament, il-Partit Nazzjonalista kien dak il-Partit li l-aktar kien qrib il-Kattoliċi u ra fir-reliġjon, bħalma ra l-moviment romantiku kollu, li twieled u kiber fis-seklu dsatax, l-arma għat-tisħiħ tal-identità nazzjonali u l-ħelsien mill-ħakma tal-barrani. Kien l-istess kolonjaliżmu Ingliż li ħoloq dan il-bżonn ta' identità. F'dak il-perjodu, il-Partit Nazzjonalista kien sab l-identità fil-kultura Kattolika. Il-Kattoliċiżmu ma baqax biss identità reliġjuża, iżda sar identità etnika u politika. Dan ġara f'pajjiżi oħra fl-Ewropa. Naħseb il-mudell Irlandiż hu l-aktar mudell relevanti għall-istorja tagħna. Kien f'dan il-kuntest li l-Partit Nazzjonalista beda bħala partit li kellu bħala motto tiegħu *Religio et Patria*. Dan l-element reliġjuż illum jinsab taħt attakk, attakk li ma nibitx lokalment, iżda twassal f'Malta minn kitbiet akkademiċi li ħarġu mid-dinja Anglo-Amerikana (fil-każ tagħna) u sabu *reception* minn membri interni fl-istess partit li ma għadhomx iqisu li r-reliġjon għad għandha post fil-politika. Anzi l-mudell Anglo-Amerikan ifittex addirittura li jpingi r-reliġjon Kattolika bħala waħda sterili, waqt li jagħti n-nar lill-kultura sekulari li tpinġi l-Knisja Kattolika bħala armata ta' qassisin li qed jabbużaw mit-tfal.[184] Ironikament, hemm interess fost xi wħud fl-istess Partit Nazzjonalista li jiffumentaw din l-istampa.

Storikament, wieħed kien jitkellem fuq żewġ kurrenti fil-Partit Nazzjonalista, dawk Konservattivi, li ħafna drabi qed jirreferu għalihom bħala Kattoliċi, anki jekk dan hu epistemoloġikament ħażin bħalma hu epistemoloġikament ħażin li wieħed iqis il-Kattolici kollha bħala Konservattivi. Dik li f'termini moderni tissejjaħ il-vuċi tax-xellug fi ħdan il-Partit Nazzjonalista ma kienet xejn għajr parti minn dan il-kurrent Kattoliku. Imbagħad hemm l-element Liberali, li xi wħud jaħsbu, b'mod żbaljat ukoll, li hu l-wirt Stricklandjan, jiġifieri ġej minn dawk l-Istricklandjani li daħlu fil-Partit Nazzjonalista wara t-Tieni Gwerra meta l-pro-Ingliżi ma baqgħux jagħrfu l-pożizzjoni u l-alleanza tagħhom mal-Partit Soċjalista Malti.

Fid-dinja Anglo-Sassona, li aħna influwenzati minnha, li wieħed ikun liberali jfisser li jkun anki antiklerikali u b'mod partikolari, anti-Kattoliku, fejn storikament il-Kattoliċiżmu hu mitqies bħala l-għadu ewlieni tal-

184 Għal aktar tagħrif ara l-ktieb ta' Malachi O'Doherty, ippubblikat fl-2008 bit-titlu *Empty Pulpits: Ireland's Retreat from Religion*.

Anglikaniżmu Ingliż. Fi kliem ieħor, ħadu rwol li normalment hu attribwit lir-radikali fil-ħsieb politiku Franċiż. Fir-Renju Unit, tradizzjonalment (biss dan inbidel dan l-aħħar) il-vot tal-Kattoliċi Ingliżi kien imur għand il-Partit Laburista u mhux għand dak Konservattiv jew Liberali. F'Malta, il-parti sostanzjali ta' dan il-vot kien jgħaddi għand il-Partit Nazzjonalista.

Illum ħafna jaħsbu li din il-qawsalla ta' ideat jgħumu flimkien fil-ħsieb kontemporanju tal-Partit Nazzjonalista, ma għadhiex treġi, anzi, wieħed jistaqsi kemm din għadha relevanti, wara aktar minn 50 sena mill-indipendenza. Kien f'dan il-kuntest li, wara r-riżultat elettorali tal-2013, ħafna interpretaw l-inkwiet u l-qasmiet interni fi ħdan l-istess Partit Nazzjonalista bħala li l-alleanza bejn il-liberali, is-sekulari u l-ateisti fuq naħa u pro-Kattolici fuq in-naħa l-oħra daħlu f'konflitt. Iżda mill-analiżi li għamilt ta' dan l-istess riżultat, jidher ċar li l-inkwiet intern fil-Partit Nazzjonalista ma kienx ġej minn raġunijiet ta' ideoloġija, iżda ġlidiet interni fi ħdan l-istess kamp liberali. Għalhekk huma wisq aktar ikkumplikati minn *issues* ta' natura ideoloġika, anki jekk il-ħsara li saret lill-Partit Nazzjonalita kienet waħda kbira. Pjuttost l-aggressività sekulari weġġgħet lil dawk li kienu jqisu lill-Partit Nazzjonalista bħala l-partit ta' għeruq Kristjani u din ukoll, anki jekk ħadd ma jrid jgħidha, ikkontribwiet għat-telfa li ġarrab il-Partit Nazzjonalista fl-elezzjoni tal-2013 u dik tal-2017. Dak żgur li ġara, li l-vuċi ta' dawn l-individwi ssaħħet sew matul dawn l-aħħar snin u ma ddejqux anki jesprimu opinjoni 'antiklerikali' fil-pubbliku waqt li l-Partit Nazzjonalista qatt kien kapaċi jiddistakka ruħu minnhom. Fuq kollox, hi anki dubjuża l-preżenza tagħhom fil-Partit, għaliex xi wħud minnhom qegħdin hemm aktar biex iħarsu l-interessi personali tagħhom milli l-ideali tal-Partit Nazzjonalista. Dawn is-sitwazzjonijiet komplew ġabu lill-Partit Nazzjonalista f'dilemma. Idur fejn idur kien se jitlef il-voti. Bħala Partit li kien fil-gvern, ma kellux il-vantaġġ li għandha l-Oppożizzjoni li joffri kollox u lil kulħadd. Iżda lanqas kien f'pożizzjoni li jieħu passi drastiċi kontra dawn l-individwi. Minflok, bejn l-2013 u l-2017, ħadem biex jissaħħu l-pożizzjonijiet liberali ħalli b'hekk il-Partit Nazzjonalista Malti jogħġob aktar lil Brussell u Brussell tkun tista' toffri postijiet lukrattivi lill-mexxejja tal-istess partit mingħajr ir-riskju li dawn l-istess mexxejja jsofru l-umiljazzjoni li sofra l-politiku Taljan Rocco Bottiglione meta ma ġiex aċċettat bħala Kummissjarju għaliex kien ta' twemmin Kattoliku.

Iridu jew ma jridux, din l-identità Kattolika qiegħda hemm tippersegwita lill-partiti politiċi Maltin. Lura fis-snin tmenin, Oliver Friggieri kien innota u kiteb li wieħed jista' jidneb kontra l-partit u wieħed għandu l-merti favur

il-partit. Fi kliem ieħor, il-kultura Kattolika ttrasferiet l-identità tagħha fuq il-partiti politiċi. Studju li għamel O'Doherty dwar il-Knisja fl-Irlanda jgħodd sew biex jiddeskrivi s-sentimenti politiċi fi ħdan il-partiti Maltin. Sa ftit snin ilu, li wieħed jitlaq jew jitkeċċa minn partit, kien l-istess bħal meta persuna kienet titlaq jew titkeċċa mill-Knisja. Skont O'Doherty din "had the same connotation as leaving your community." Esperjenzi li għexna f'dawn l-aħħar snin, u fuq kollox l-istess riżultati elettorali tal-2013 u l-2017, urew il-kambjamenti l-ġodda li qed iseħħu fis-soċjetà tagħna. Anki f'dan il-qasam, 50 sena wara l-indipendenza, wiċċ il-politika qed ikompli jinbidel. Bħalma ġara fl-Irlanda se jiġri f'Malta u kif jgħid O'Doherty fl-Irlanda: "People are rejecting something they don't even remember." Dan ġara għall-Partit Nazzjonalista meta bbaża kampanja elettorali sħiħa fl-2013 fuq passat storiku. Dan se jkun jgħodd għal kull partit ieħor li jagħmel snin jiggverna. Fi kliem ieħor, naħseb li Malta dieħla fi proċess ta' *swings* elettorali kbar. Dan in-nuqqas ta' sens ta' appartenenza, jagħmel dawn is-*swings* aktar possibbli.

## Il-Partit Nazzjonalista u l-Knisja Kattolika

Il-Partit Nazzjonalista twieled u kiber fi ħdan dawn il-kanoni reliġjużi ta' ispirazzjoni Kattolika. Illum dan il-ħsieb reliġjuż qed jidher għal ħafna bħala anakroniżmu u saħansitra hemm in-negazzjoni storika tiegħu.[185] Wieħed irid jiftakar li llum aktar minn qatt qabel il-politika u r-reliġjon (anki jekk fil-verità dan kien minn dejjem) mhumiex komdi ma' xulxin. Anzi kif qalli qassis li kont intervistajt dwar it-telfa elettorali tal-2013 u involut sew f'dan il-qasam partikolari ta' riċerka, din l-alleanza storika bejn il-Partit Nazzjonalista u l-Knisja spiċċat. Fi kliem dan il-qassis, "*il-monopolju li l-PN kellu mal-Knisja llum inqered.*"

Anki jekk storikament il-Knisja kienet tħossha aktar komda mal-Partit Nazzjonalista, f'dawn l-aħħar snin l-affarijiet inbidlu sew. Il-Partit Laburista rnexxielu jinfiltra sewwa. Waqt li fi żmien Lorry Sant, kien infiltra fix-xiri ta' artijiet mingħand il-Knisja għall-ispekulazzjonijiet tal-artijiet fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, f'dawn l-aħħar snin il-Partit Laburista infiltra aktar bil-miftuħ u qabel l-2013 ħa *over* kummissjonijiet tal-Knisja, il-Caritas u l-Kummissjoni għall-Ambjent, li spiċċaw *mouthpiece* primarjament u forċina għall-Partit

185 Ara pereżempju l-artiklu ta' Ranier Fsadni f'The Times, 10 ta' Awwissu 2017, "Make the PN Grate Again."

Laburista. Jekk wieħed jara ċerti *appointments* li saru wara l-2013 mill-Gvern Laburista, dawn inkludew persuni involuti f'dawn is-setturi. Dan jikkonferma dak li qed ngħid. Il-maġġoranza tal-ħaddiema lajċi li jaħdmu mal-Knisja, inkluż fil-midja, kienu sal-2013 ħaddiema Laburisti. Li l-Knisja tħaddem ħaddiema Laburisti ma fiha xejn ħażin. Il-ħażin qiegħed li din is-selezzjoni tal-ħaddiema ma kienet xejn naturali. Persuna infurmata tajjeb qaltli li qatt ma setgħet tifhem dan l-iżbilanċ li mhu xejn naturali. Illum jidher li se jibda jiġri bil-kontra, jiġifieri s-selezzjoni mhux qed issir fuq bażi meritokratika, iżda biss biex tkun iffaċilitata n-naħa l-oħra. F'dan kollu, il-vuċi Kattolika qed tbati għaliex il-midja tal-Knisja llum intefgħet b'ruħha u ġisimha wara l-liberali antiklerikali li hemm fil-Partit Nazzjonalista, kif wera biċ-ċar l-attakk li l-istess midja tal-Knisja għamlet fuq Edwin Vassallo talli vvota kontra l-liġi dwar żwiġijiet tal-istess sess.

Il-qassisin li tkellimt magħhom dwar it-telfa tal-2013, kienu kollha favur is-separazzjoni bejn Knisja u Stat, li kontra dak kollu li jingħad, dejjem kienet aspett politiku ta' pajjiżna, għaliex Malta qatt ma kienet stat teokratiku. Iżda min-naħa l-oħra, reliġjon qatt ma tista' ssir jew tiffunzjona bħal partit politiku. Minħabba nuqqas ta' realpolitik min-naħa tal-Knisja, ir-relazzjoni bejn il-Knisja u partit politiku jistgħu jiġu f'konflitt. Biss jagħmel żball l-istat jekk ma jirrikonoxxix il-kontribut li tat il-Knisja Kattolika. Partit politiku jrid jibqa' jemmen fil-kontribut li l-Knisja għad tista' tagħti lil Malta. Inċidentalment, fl-istorja tar-reliġjonijiet Kristjani l-ideat sekulari, jiġifieri dawk assoċjati mal-kunċett ta' realpolitik, kienu storikament għodda ta' firda bejn l-istess reliġjonijiet Kristjani, għaliex dawn wasslu biex il-veritajiet reliġjużi (u dawn jistgħu jiġu trasportati għall-kunċetti politiċi), spiċċaw jiġu miżinterpretati.

Iżda dan il-kontribut storiku tal-Knisja f'Malta deher wara r-referendum tad-divorzju mtappan sewwa, anki ma' ċerta sezzjoni tal-popolazzjoni, inkluż dik tal-votanti tradizzjonali Nazzjonalisti. Il-Knisja bdiet tidher bħala kasta ta' nies privileġġjati u magħluqa fil-ħsieb tagħha. Fuq kollox, l-immaġni tal-Knisja bħala entità privalentament maskilista ma tgħin xejn lill-istess Knisja. Aktar minn qatt qabel, il-Knisja qed tispiċċa f'għajnejn dawk in-nies li ma jaqblux mal-veduti morali tagħha bħala forza negattiva. Nispera li din kienet ir-raġuni għala l-midja tal-Knisja ħaditha kontra Edwin Vassallo talli vvota kontra l-liġi dwar żwiġijiet bejn l-istess sess. Dan għamlitu meta l-Kap tal-Partit Nazzjonalista, Simon Busuttil, kien f'mument diffiċli tat-tmexxija tiegħu. Irrispettivament minn dan kollu, il-Knisja se tibqa' forza morali fil-pajjiż.

## Is-sekulariżmu u l-Knisja

Il-Knisja għandha dritt għall-vuċi tagħha. U għandha dritt li hija ssemmagħha, bħalma għaqdiet oħra u istituzzjonijiet oħra għandhom id-dritt isemmgħu leħinhom. F'dan il-kuntest, dak li jgħodd hu kemm il-vuċi tal-Knisja se tkun relevanti fost il-ħafna ilsna li jeżistu fid-dinja tal-lum. Ir-relevanza trid tiġi biss mill-mod kif l-istess Knisja se titkellem u ssemma l-leħen tagħha. Żgur li llum, il-Knisja indunat li f'soċjetà pluralista, wieħed ma jistax jippontifika. Tista' biss tagħti interpretazzjoni u dan tista' tagħmlu wara li tkun studjat is-sitwazzjoni sewwa. Trid u ma tridx is-sekulariżmu daħal fil-Knisja. Mingħajr ma trid, ideoloġiji jew ħsieb qed jieħdu forom dominanti, u dawn spiċċaw jinfluwenzaw il-mod ta' kif in-nies jaħsbu u jitkellmu, inkluż l-istess kleru.

Quddiem dawn l-isfidi ġodda, qed jikber il-biża' fi ħdan l-istess Knisja li Malta miexja bil-mod il-mod fejn jekk inti tkun Kattoliku, se tkun f'pożizzjoni żvantaġġuża. Wasal iż-żmien li wieħed jitkellem fuq libertà reliġjuża, li wieħed jitħallielu d-dritt li jipprattika r-reliġjon kif jixtieq. Għaliex mexjin fit-triq bil-maqlub. B'libertà reliġjuża sirna nifhmu li wieħed ma għandux jitħalla jipprattikaha fil-pubbliku. Dan kollu jmur kontra l-ispirtu Nazzjonalistiku. Hemm min jemmen li llum hemm ċerti prinċipji bażiċi li qed jiġu imminati, bħal pereżempju d-dritt tal-libertà tal-kuxjenza. Dan qed iwassal għall-esklużjoni ta' nies Kattoliċi mid-drittijiet tal-Istat jew kif iddeskriva xi ħadd li kien bagħat il-kummenti tiegħu lill-Kummissjoni dwar it-telfa elettorali tal-2013, bħala "dittatura bil-pulit." Dan rajnieh iseħħ fil-Partit Nazzjonalista, meta Simon Busuttil u t-tmexxija tal-PN innegat id-dritt ta' vot ħieles fil-każ tal-liġi dwar żwiġijiet bejn l-istess sess.

Dan hu diġà realtà fl-Ewropa llum. Kif kiteb xi ħadd ieħor lill-Kummissjoni li jien kont parti minnha, "a secular state is fine, but if it turns into a secularist state, meaning hostile to the Catholic Church, then there's something wrong. Church and state should not be enemies to one another."

## Separazzjoni bejn Knisja u Stat

Dan ma jfissirx li għandu jkun hemm alleanza bejn Knisja u partit politiku. Fid-dinja tal-lum, ma għadx hemm lok ta' alleanzi bejn il-Knisja u l-partiti

politiċi. Anzi s-separazzjoni hija tajba għaż-żewġ naħat. Biss f'kuntest politiku, ma hemm xejn ħażin li Knisja u partit politiku jispiraw ruħhom mill-istess sors, jiġifieri l-Vanġelu. Iżda, anki meta dan jiġri, it-tnejn iridu jibqgħu separati. Partit politiku qatt ma jista' jsir struttura konfessjonali. F'dan il-kuntest, li wieħed jispira ruħu mill-Vanġelu ma jfissirx li għandu jimxi fuq il-linja jew Duttrina Kattolika.

## Ir-Reliġjon għandha titqies Materja Privata

Fl-istess ħin, dawn l-istess persuni jifhmu wkoll li r-reliġjon għandha titqies bħala materja privata. Biss naħseb li dak li għandu jkun materja privata mhuwiex ir-reliġjon iżda l-fidi. Biss wieħed għandu wkoll jemmen li l-Knisja għad għandha postha fis-soċjetà u għandha kontribut x'tagħti lis-soċjetà. M'għandix dubju li, fil-kriżijiet li għaddejjin minnhom fl-Ewropa, se jerġa' jkun hemm qawmien reliġjuż, anki jekk fuq xejriet u f'toroq differenti minn dawk li nafuhom fil-passat.

## Il-Vot Kattoliku

Dan il-ħsieb ta' 'dittatura bil-pulit', immirata b'mod speċifiku lejn nies ta' konfessjoni reliġjuża, wasslet biex naffret ċertu vot Kattoliku mill-Partit Nazzjonalista. Ċerta aggressività medjatika lejn il-ħsieb Kattoliku minn nies li kienu jidentifikaw lillhom infushom mal-Partit Nazzjonalista, wassal biex l-istess Partit Nazzjonalista bata minn dak li jissejjaħ 'blowback' tal-vot konservattiv, b'riżultat li – fejn qabel l-elezzjoni tal-2013 il-vot Kattoliku kien ikun aktar omoġeniku, minn din l-elezzjoni sar wieħed aktar frantumat, waqt li l-Partit Nazzjonalista ma baqax jidher bħala d-dar naturali ta' dik is-sezzjoni konfessjonali ta' pajjiżna. Dan kompla jkollu riżultati katastrofiċi wara l-2017.

## Skola Politika Kattolika

Waħda mir-raġunijiet għala r-reliġjon Kattolika tilfet ir-rilevanza politika tagħha, żgur ġejja mill-fatt li ma baqgħetx skola, bħalma kienet fil-passat, ta' ħsieb politiku. Dan id-deklin kien diġà beda jinħass sew fis-snin sebgħin, meta ntwera l-ħsieb li titwaqqaf skola politika f'Malta mill-Knisja. L-idea kienet

li din l-iskola politika kellha tkun mibnija fuq l-istess linji ta' oħra simili li kien hemm fi Sqallija, eżattament f'Palermo, fejn kienet twaqqfet skola ta' ħsieb politiku Kattoliku, immexxija minn nies bħal Padre Ennio Pintacuda u Padre Bartolomeo Sorge fost l-oħrajn. Sfortunatament għall-Knisja lokali, it-tmexxija ekkleżjastika ma aċċettatx dan il-ħsieb minħabba l-biża' li l-Knisja kienet se tkun assoċjata mal-politika. L-argument miġjub kien li din l-iskola kienet se tkun assoċjata ma' dik tal-AŻAD, li hija skola indipendenti mmexxija mill-Partit Nazzjonalista. Fuq kollox, kien żmien diffiċli għall-Knisja f'Malta u kull inizjattiva bħal din kienet se tkun interpretata b'mod politiku mill-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien immexxi minn Dom Mintoff. Allura l-Knisja beżgħet mill-kritika u din l-iskola baqgħet ma saritx. Illum, il-Knisja Maltija qed tħoss il-konsegwenzi ta' din id-deċiżjoni għaliex hemm nuqqas ta' politiċi b'viżjoni Kristjana. Fuq kollox, hemm nuqqas ta' ħsieb politiku, kif kien jgħid De Gaspari, ta' nies li jaraw u jistudjaw il-politika bl-ittra 'P' kapitali. Għalhekk jekk qabel kien hemm klassi politika li ma kinetx tibża' tesprimi l-valuri tagħha Nsara, bħalma kien Eddie Fenech Adami, illum din il-klassi politika hija nieqsa. Fenech Adami stess kiber fi skola politika u kif rajna jaqa' taħt l-influwenza tal-ħassieb u qassis Kattoliku Taljan Romano Guardini. Hu ma kienx jibża' jesprimi dawn il-valuri. Illum, din l-istoffa ta' nies fi ħdan il-ħsieb Kattoliku Malti, intilfet għalkollox. L-uniku wieħed li baqa' hu Edwin Vassallo.

Min-naħa l-oħra, dan in-nuqqas ta' preparazzjoni ta' ħsieb Kattoliku wassal biex il-Knisja tilfet ir-rwol li kellha fis-soċjetà. Tilfet li jkollha magħha numru ta' lajċi intellettwali, bħalma kien Ġużè Aquilina u oħrajn, li kellhom influwenza kbira fuq l-opinjoni pubblika. B'hekk l-opinjoni pubblika llum qed tkun iffurmata minn kurrenti oħra ta' ħsieb.

## L-Ideal Religio et Patria għadu Validu

Min-naħa l-oħra jkun żball jekk il-Partit Nazzjonalista ma jibqax jara l-kunċett ta' *Religio et Patria* fil-kuntest storiku tiegħu. Dan mhu xejn għajr l-espressjoni ta' ħsieb Mazzinjan. Giuseppe Mazzini kien ħareġ bl-għajta ta' Dio e il Popolo. Kien minn din l-għajta li Ignazio Panzavecchia ħareġ bl-idea ta' twaqqif ta' Partit Popolari Malti fis-seklu dsatax. Il-kunċett ta' *Religio* u *Patria* nbidel matul is-snin. Kien kunċett li għen lill-pajjiżi Ewropej jikbru, isiru indipendenti u anki jwaqqfu l-Unjoni Ewropea. Biss wieħed irid jara dawn il-kunċetti fil-kuntest tal-lum. U dawn għadhom validi. Malta jew il-*patria* għadha hemm.

Id-difiża tan-nazzjon trid tibqa'. Li jrid jinbidel huwa d-dinamiżmu ta' dan il-kunċett. Il-Labour kien kapaċi jbiddel dawn l-istess kunċetti f'dinamiżmu ġdid u saħansitra għamlu s-slogan rebbieħ fl-elezzjoni tal-2013, waqt li użah fl-2017, meta l-Prim Ministru Joseph Muscat deher quddiem il-Parlament Ewropew dwar il-Panama Papers. Kull partit politiku hu mistenni li jaħdem għal dawn il-kunċetti. L-istess jgħodd għall-kunċett ta' reliġjon. X'inhi r-reliġjon jekk mhux sett ta' valuri u kodiċi morali? Dawn għandhom ikunu l-linji gwida li jmexxu l-Partit Nazzjonalista 'l quddiem. Quddiem il-kriżijiet kbar fil-kamp finanzjarju li għaddejja minnhom l-Ewropa, il-morali u l-etika qed jerġgħu jsiru t-temi prinċipali għat-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa. Franza, l-istat li welled is-sekulariżmu, quddiem l-istess kriżi li ħoloq is-sekulariżmu, qed tipproponi l-edukazzjoni ta' dak li qed issejjaħ il-morali jew etika sekulari li, bħar-reliġjon Kattolika, hija bbażata, kif innota tant tajjeb il-ħassieb George Stainer, fuq il-morali biblika u l-ħsieb tal-Greċja tal-qedem. Għalhekk, aktar minn qatt qabel, qed nerġgħu naraw il-kunċett ta' valuri jidħol fil-politika. Qegħdin nitkellmu dwar 'ethical banking', iżda qed niskopru, anki aħna llum f'pajjiżna, li għandna bżonn nitkellmu dwar 'ethical politics'. Il-PN irid jitkellem b'saħħa dwar etika fil-politika. Anki jekk saru attakki fuq attakki, il-figura ta' Lawrence Gonzi, bħala figura korretta politikament, ma ġietx mittiefsa u n-nies baqgħu jaraw fih il-politika bħala virtù. Il-libertà ma tibqax ħelsien, anzi ssir illibertà jekk ma jkollhiex magħha l-element ta' virtù. Dan hu li jiddistingwi lil-Liberali mill-Konservattivi. Il-kunċett Liberali mingħajr virtù jsir kunċett Marxista mingħajr l-ixkill ekonomiku. Dawn saru l-ideali l-ġodda għas-Soċjalisti Ewropej. Bir-raġun, jew forsi anki bi ftit inkejja, is-Soċjalisti spiċċaw jissejħu 'Champagne Socialists' jew 'Gauche Caviar'.

## X'fiha ħażin l-Arma tal-Partit Nazzjonalista?

Bħall-motto tal-Partit Nazzjonalista, anki l-arma tiegħu bdiet tiġi mitqiesa bħala antikwata għad-dinja moderna tal-lum, u allura kien hemm min wera l-opinjoni li ma għandux jibża' jekk dan il-Partit jgħaddi biex, jekk hemm bżonn, jibdel l-arma tiegħu. Għallinqas, hemm min anki raha bħala kontribuzzjoni għal din it-telfa tal-2013, għaliex tirrappreżenta immaġni passata tal-Partit Nazzjonalista. Jekk wieħed jibda jemmen, kif smajna

mingħand xi wħud,[186] li l-messaġġ Nazzjonalistiku ma għadx hemm loku fid-dinja moderna tal-lum, sejjer imqarraq. Għal darb'oħra nfakkar li l-messaġġ ta' Dr Joseph Muscat lill-elettorat tiegħu fl-2013 u anki fl-2017 kien wieħed Nazzjonalistiku. Jekk xejn, il-messaġġ ta' Dr Muscat stess wera li l-messaġġ Nazzjonalistiku għad hemm postu fis-soċjetà Maltija jew li s-soċjetà Maltija għad għandha għal qalbha dan il-messaġġ. Għalhekk ma nistax nifhem kif hemm illum min qed jaħseb fl-istess Partit Nazzjonalista dan il-kunċett 'undersells', jew ma għadux ibigħ.

## Il-Ħsieb Ekonomiku

Waqt li fil-Partit Nazzjonalista kulħadd jaqbel li dan il-partit għandu jibqa' l-partit tal-poplu, jew aħjar jirritorna lejn l-għeruq tiegħu kif ħasibhom Don Sturzo fl-Italja, kważi mitt sena ilu, ifisser ukoll li jrid jerġa' jxettel l-għeruq soċjali tiegħu. Fi kliem ieħor, dan irid iseħħ billi jibqa' jħares, kif għamel matul dawn l-aħħar ħames snin, l-interessi tal-klassi medja u jkollu risposta ekonomika għall-esiġenzi post-industrijali li Malta bdiet dieħla fihom f'dawn l-aħħar ftit snin.

## L-Ideoloġija tal-Klassi Medja

F'opinjoni li kiteb Godfrey Grima (It-Tlieta 30 ta' April 2013 – The Times) saħaq dwar il-bżonn biex ikun hemm *middle class* b'saħħitha f'pajjiżna. Hu jara f'dak il-partit li hu kapaċi joffri din il-garanzija lill-klassi tan-nofs, bħala l-partit li se jmur għar-rebħiet elettorali futuri. Fl-istess waqt, jara fit-telfa tal-Partit Nazzjonalista l-kawża li dan il-partit abbanduna l-aspirazzjonijiet ekonomiċi tal-istess *middle class.* Dan il-fattur ma ħareġ imkien fl-analiżi li għamlet il-kummissjoni, kemm mil-lat kwalitattiv u anki kwantitattiv. Il-ħsieb, kif rajna, kien li l-ekonomija tal-pajjiż qabel l-2013 kienet sejra tajjeb. Iżda l-enfasi kontinwu fuq il-midja, li l-ekonomija kienet sejra tajjeb meta ħaddieħor kien sejjer ħażin, seta' beda jnissel il-biża' f'numru ta' familji Maltin, waqt li t-tgergir tal-*middle class* kien pjuttost dwar aspirazzjonijiet li huma ħassew li ma kinux qed jintlaħqu u hawn fejn tidħol il-perċezzjoni tal-arroganza, fejn dak li kien

186 Ara pereżempju l-artiklu ta' Charles Xuereb f'The Times.

jidher bħala drittijiet tagħhom spiċċaw ittrattati bħala pjaċiri diffiċli li wieħed jilħaq.

Dak li ħareġ dwar dan is-suġġett, iżda, hu relatat mal-analiżi kwantitattiva, jiġifieri kien fl-analiżi kwantitattiva li l-poplu tkellem f'termini ta' għoli tal-ħajja. Iżda din mhijiex relatata ma' xi struttura partikolari ta' klassi. Tista' tħossha kull klassi u pjuttost dik ta' isfel l-aktar li għandha tintlaqat ħażin minnha.

L-amministrazzjoni Laburista ta' bejn l-2013-17, qagħdet verament attenta biex il-politika ekonomika ma taffettwax ħażin lill-klassi tan-nofs. Biex tkun ikkreata *middle class* ġdida, iżda, hemm bżonn li l-*gap* bejn is-sinjur u l-fqir jiċkien u b'hekk tkun magħluqa l-*gap* bejn il-klassijiet soċjali. Meta l-*gap* bejn dak li l-kritika Marxista ssejjaħ il-fqir, jew aħjar il-proletarju, u s-sinjur jikber, il-klassi medja tiċkien. Jingħad x'jingħad, dan il-*gap* bejn il-klassijiet irid jinżamm taħt kontroll. Pjuttost il-problemi għal ċerti familji, iżda mhux kollha, huma ġejjin minn xi mkien ieħor.

## Il-Faqar f'Malta biddel Wiċċu

Il-progress ekonomiku li ġab miegħu l-Partit Nazzjonalista wassal ukoll biex ikkrea faqar ġdid. Il-faqar biddel wiċċu f'Malta. Il-Partit Nazzjonalista welled faqar relattiv. Il-biża' llum hi li nistgħu nerġgħu mmorru għall-faqar reali. Il-faqar relattiv ġej mill-perċezzjoni li dak li jkun ikollu lejn il-ħajja, jiġifieri ta' kif wieħed jara lilu nnifsu jew kif iqis persuna sinjura. Dan hu kejl soċjali. Illum hemm min jaħseb li huwa fqir għax ma jistax isiefer darba fis-sena. L-agħar meta jispiċċa jissellef il-flus biex jagħmel btala u dan iwassal imbagħad għall-faqar reali. Bħal dan il-każ nista' nsemmi aktar eżempji. Dan it-tip ta' faqar qed ikun magħruf bħala 'the credit card generation'. Dan huwa wkoll tip ieħor ta' faqar li ġej minn perċezzjoni ta' kif individwu jqiegħed lilu nnifsu fil-konfront tas-soċjetà ta' żmienu. Inċidentalment din il-perċezzjoni ta' faqar tikber sew f'kuntest fejn partit politiku jinqata' min-nies għaliex, f'kuntest soċjali, dan iwassal għal diviżjoni bejn 'huma' u 'aħna'. Huma jsiru l-politiċi u dawn ikunu mfissra kontra l-fattur ta' aħna, jiġifieri l-poplu.

## L-Ekonomija Organika

Matul l-2008 u l-2013 ġie kkonfermat fil-miftuħ kemm is-soċjetà Maltija għaddiet minn żminijiet ta' sfidi ġodda. Dawn mhumiex biss ġejjin minn dawk politiċi u soċjali, iżda anki minn dawk ekonomiċi, fejn anki hawn ir-realtajiet qed jinbidlu kuljum. Dawn l-isfidi se jkunu qed jaffettwaw aktar lill-iżvilupp uman. L-ekonomija tagħna se tkun tiddependi aktar u aktar fuq il-qasam organiku. Għaliex jekk fl-ekonomija, din il-filosofija organika ġabet magħha żieda qawwija f'dik li hija produzzjoni, fl-edukazzjoni qed twassal biex ikollna bniedem sħiħ. Dawn huma sfidi li jirrikjedu kuraġġ minn min imexxi. Illum, il-ballun qiegħed f'sieq Dr Joseph Muscat bħala l-Prim Ministru ta' Malta. Fl-analiżi tar-riżultat elettorali magħmul mill-Partit Nazzjonalista fl-2013, kien ħareġ ċar li l-mod ta' kif Muscat kien se jmexxi l-ekonomija, kien se jkun determinanti jekk il-Partit Nazzjonalista jkunx f'pożizzjoni li jirbaħ l-elezzjoni li kien imiss jew le.

## L-Element Soċjali

Iżda jekk kien hemm issue li ġiegħlet lill-Partit Nazzjonalista jitkellem dwar l-ideali tiegħu, kienet dik tad-divorzju. Din ġabet kriżi f'dawn l-ideali storiċi. Saħansitra kien hemm min qal lill-Kummissjoni, forsi b'ċerta intuwizzjoni bħalma għamel avukat ta' 44 sena fejn qal:

> *"mill-punt strettament politiku l-PN ma setax jieħu pożizzjoni differenti milli ħa fuq id-divorzju. Li kieku baqa' newtrali jew favur id-divorzju, eluf kbar ta' eletturi, il-kostitwenza devota, li elezzjoni wara elezzjoni qatt ma abbandunat lill-PN, kienu jħossuhom ittraduti, bil-periklu kbir li konna nipprovdu pjattaforma qawwija għat-twaqqif ta' partit konservattiv fuq il-lemin tal-Partit."*

Il-pożizzjoni waħidha li ħa l-Partit Nazzjonalista dwar id-divorzju ma kinetx il-kawża ta' din it-telfa fl-2013 u kif ġie nnutat minn ħafna lill-Kummissjoni, din ma kellhiex l-impatt negattiv daqskemm forsi wieħed jaħseb. Nazzarda ngħid li kieku l-Partit Nazzjonalista ħa pożizzjoni favur id-divorzju, xorta kien jitlef din l-elezzjoni u kien ukoll jitlef b'numru akbar ta' voti, għaliex telfa daqshekk kbira ġrat minħabba l-akkumulu ta' numru ta' kawżi u mhux minħabba xi kawża partikolari.

Għal darb'oħra, ir-riżultat elettorali tal-2017 wera kemm din l-analiżi kienet korretta, għaliex il-Partit Nazzjonalista ħa pożizzjoni liberali u t-telfa kienet akbar. Li hu żgur li din it-telfa ħarġet lill-Knisja Kattolika f'Malta (għallinqas għaż-żmien fil-qrib) mix-xena politika tal-gżira u wrietha, kif qal tajjeb Dominic Fenech, bħala "divorced from reality."[187]

Iżda l-impatt ta' din il-kwistjoni jidher li tappan l-immaġni ta' *liberté* li l-Partit Nazzjonalista kien assoċja ruħu miegħu, għaliex fissret li "*eluf ta' liberali u dawk li kienu mweġġgħin bis-sitwazzjoni matrimonjali tagħhom ma baqgħux jidentifikaw ruħhom mal-PN.*" Għalhekk, dan għen biex il-Partit Laburista jidher ma' ċerti setturi bħala partit 'safe', li wieħed jista' jivvutalu.

Minħabba li l-Gvern ħa d-deċizjoni li jmur għar-referendum, anki jekk il-mozzjoni kienet waħda ta' żlealtà politika, u saret għal skopijiet biex tqiegħed lill-Partit Nazzjonalista f'diffikultà minn barra u minn ġewwa, wasslet biex ħafna emmnu li kienet ġlieda ċivili u mhux kwistjoni interna. Iżda wara dan ir-riżultat, ħadd ma jista' jgħid li l-protagonisti li kienu wara l-kwistjoni tad-divorzju huma d-demokratiċi, sbieħ, tajbin u bravi waqt li l-oħrajn li kienu kontra, huma maħmuġin, demagoġi, koroh u kattivi. Fuq kollox, ir-referendum tad-divorzju wera l-komplessità tas-sistema tagħna tas-*Single Transferable Vote*, għaliex waqt li l-membri parlamentari jgħidu li huma rappreżentanti tal-poplu, jew aħjar tan-nies tad-distrett li eleġġiehom, l-elettorat fuq id-distrett ta' wieħed milli mexxa l-kampanja tad-divorzju vvota kontra d-dħul tad-divorzju fir-referendum nazzjonali li kien sar fuq is-suġġett.

Għalhekk, mil-lat ideoloġiku, il-kamp Nazzjonalista deher bħala ipokrita meta qed jiġġieled kontra d-dħul tad-divorzju f'Malta, għaliex fuq naħa deher bħala partit li jrid iżomm ma' ċerti prinċipji, iżda mbagħad ma ddejjaqx li jagħti appoġġ lil nies oħra li dehru li jmorru kontra l-prinċipji Nsara. Fi kliem ieħor, kif kiteb xi ħadd lill-Kummissjoni, wieħed "*cannot use principles in one argument and then use a different set of principles in another.*" Dan wassal biex kien hemm min staqsa:

> "*where was their conscience when they voted in favour of gambling? In my opinion gambling is much harmful to families and society in general, than divorce.*"

187 Dominic Fenech, 'Divorced from Political Reality: The New Limits of Ecclesiastical Power in Malta', *The Round Table The Commonwealth Journal of International Affairs,* Volume 101, 2012 – Issue 3.

Għalhekk, il-ħsara li saret hawn kienet fuq l-immaġni tal-Partit Nazzjonalista aktar milli fuq dik tal-mexxej tiegħu, li ħafna Nazzjonalisti approvaw u apprezzaw il-mod kif ivvota, għaliex deher li baqa' sod mal-prinċipji u l-kuxjenza tiegħu.

Fi kliem ieħor hawn għandna parodija oħra li l-politika Maltija tipproduċi. Il-Partit Nazzjonalista deher bħala partit ipokrita talli mar kontra d-divorzju, waqt li l-kap tiegħu jispiċċa jidher ipokrita kieku vvota favur. Quddiem din id-dikotomija politika, wieħed jistaqsi jekk il-pressjoni ġurnalistika li saret fuq il-Prim Ministru kinetx verament immexxija mix-xewqa demokratika jew maħsuba biex tkisser l-immaġni ta' bniedem ta' prinċipju li sa dak iż-żmien kienet tgawdi l-figura ta' Lawrence Gonzi. Illum nafu li, gazzetta minnhom, *The Times*, kienet qed tirċievi flus mingħand Keith Schembri. Dan kien jgħaddihom lil Adrian Hillman biex The Times tikteb artikli favur il-pożizzjonijiet li l-Partit Laburista kien qed jieħu. Fuq kollox dan il-ħlas ta' flus kien maħsub biex ikisser l-immaġni tal-Partit Nazzjonalista.

Fuq kollox, hekk kif il-Partit Nazzjonalista ħa d-deċiżjoni li jkun mal-kamp tal-Le, deher qed jipprivileġġja l-ideat u l-ħsibijiet ta' gruppi konfessjonali li r-referendum wera li finalment ma kinux il-ħsibijiet u l-veduti tal-maġġoranza tal-poplu. Anki jekk, bħalma kien il-każ, għaliex kien hemm numru ta' esponenti meqjusa bħala parti mill-grupp Kattoliku fil-Partit Nazzjonalist, li tkellmu mal-Kummissjoni apertament u qalu ċar u tond li huma kienu favur id-divorzju, waqt li oħrajn qisuh bħala moralment mhux sewwa. Fl-istess ħin, numru ta' nies fil-politika u osservaturi tagħha faħħru l-fatt li l-Partit Nazzjonalista ħa pożizzjoni, taqbel jew ma taqbilx magħha, fuq id-divorzju. Partit politiku qatt ma għandu jibża' jieħu pożizzjoni anki jekk jaf li mhuwiex mal-parti rebbieħa. Meta l-pożizzjonijiet isiru fuq konvenjenza jew b'mod stoiku, l-istess partit politiku jista' jirbaħ fil-mument, iżda mbagħad wieħed irid jara l-iżvilupp fuq il-*long term.* Naħseb li, għal darb'oħra, dan wera kemm kienet korretta din l-analiżi, għaliex anki jekk illum il-Partit Nazzjonalista ħa pożizzjoni fuq żwieġ bejn l-istess sess, xorta waħda ħafna rawha bħala pożizzjoni ta' konvenjenza!

Il-problema għall-Partit Nazzjonalista ġiet mill-fatt li meta ppronunzja ruħu favur ir-referendum, din ma baqgħetx kwistjoni politika ta' żlealtà minn membri fost il-grupp parlamentari, iżda nbidlet f'waħda ideoloġika mill-istess nies, li raw fil-pożizzjoni favur id-divorzju intenzjonijiet li kienu jmorru lil hinn minn kull ideal konfessjonali. Iżda minn dak il-mument

'il quddiem, dan kien l-uniku punt li l-midja kienet qed twassal lill-poplu Malti. B'hekk il-*core group* tal-elettorat Nazzjonalista nqasam, anki jekk ir-riżultat miksub juri li, fil-Partit Nazzjonalista, il-'core group' Kattoliku huwa wieħed b'saħħtu u probabbilment li f'dik il-ħabta kien jammonta għal 80% tal-elettorat kollu tiegħu.

Iżda fuq livell ideoloġiku, kienet il-perċezzjoni ta' dawk il-prinċipji li bdiet tmexxi l-media li bdew jitkellmu fuqhom, aktar milli ċertu prinċipji ħżiena tal-istess liġi, espressi fil-fatt, li dawk il-koppji, l-aktar in-nisa li ma jaħdmux u jiddivorzjaw, qegħdin f'riskju li jitilfu l-pensjoni jew addirittura, li wieħed jagħmel kawża kontra "x" u mhux kontra persuna oħra. Hija ħasra, li l-Partit Nazzjonalista ma kienx kapaċi juri l-affarijiet sewwa u kif inhuma u minflok kellu jagħmel attakk fuq id-divorzju bħala kunċett, kellu jattakka dawn l-aspetti ta' arbitrarjetà ta' din il-liġi, li saret biex taqdi l-interessi ta' parti mis-soċjetà Maltija, aktar milli s-soċjetà kollha.

Ironikament ħadd ma tkellem bis-serjetà fuq l-aspetti negattivi tal-liġi tad-divorzju, li fihom elementi antisoċjali. Minflok, intuża *framework* ħażin teoretiku u għalhekk, minflok intwera li min kien qed jgħaddi din it-tip ta' liġi kellu nuqqas ta' sensittività lejn il-ġustizzja soċjali, ħareġ bħala l-paladin tal-istess ġustizzja soċjali. La darba ried jidħol għal din il-ġlieda, meta ddeċieda li jmur għar-referendum, il-Partit Nazzjonalista ra d-divorzju mill-prospettiva konfessjonali, waqt li l-kunflitti interni fl-istess kamp liberali wassluh biex ma setax jiffunzjona tajjeb u jara l-affarijiet kif fil-fatt kienu tassew.

Fi kliem ieħor, il-mudell li ntuża għal-liġi tad-divorzju, jiġifieri dak Irlandiż, żgur li mhuwiex l-aħjar mudell għal Malta. Wieħed hawn irid ifakkar li wara s-suċċess ta' din il-kampanja, xi ħadd ried juża dan il-mudell Irlandiż ħalli jsolvi l-*issue* l-oħra u jikkrea l-qafas legali għad-drittijiet marbuta mal-komunità tal-*gays* f'Malta. Qed nuża dan it-terminu 'gay' u mhux LGBTIQ għaliex hekk kienu qed jissejħu f'dik il-ħabta. Hawn wieħed jinnota li l-istess komunità 'gay', li kienet favur din il-liġi tad-divorzju, ħaditha qatta bla ħabel, u bir-raġun, kontra l-użu tal-mudell Irlandiż għaliex qisitu mhux l-aħjar mudell għall-bżonnijiet tagħha. Ironikament, hawn għandna parodija oħra Maltija. Il-mudell Irlandiż hu tajjeb għall-koppji eterosesswali iżda mbagħad mhuwiex tajjeb biex jirregola l-koppji 'gay'![188]

188 It-terminu 'gay' qed jintuża apposta hawn, għaliex dan kien it-terminu użat waqt din il-kontroversja.

Biss din it-telfa ma kinetx waħda fuq livell ideoloġiku biss, iżda aktar fuq livell politiku. Kif rajna, aktar milli tellfet l-elezzjoni lill-Partit Nazzjonalista, l-*issue* tad-divorzju għenet lill-Partit Laburista jirbaħ din l-elezzjoni bil-kbir. Kienet waħda mir-raġunijiet li għenitu jibdel immaġni storika tiegħu. B'hekk dan ir-riżultat għandu jitqies bħala *turning point* definittiv għall-Partit Laburista. L-ewwel, għen lill-Partit Laburista jibni strateġija u alleanzi ġodda. Hu kommentibbli kif fi żmien sentejn irnexxielu jibni dawn l-istrutturi ta' komunikazzjoni li wassluh għal din ir-rebħa kbira u għal telfa daqshekk diżastruża għall-Partit Nazzjonalista.

Min-naħa tiegħu, il-Partit Nazzjonalista naqas milli jagħmel hekk. Hu seta' wkoll jibni alleanzi fuq il-pożizzjoni konfessjonali li ħa. Numru ta' Laburisti vvutaw mal-PN f'dan ir-referendum iżda l-Partit Nazzjonalista ma kienx intelliġenti biżżejjed biex jibża' għalihom. Il-Partit Nazzjonalista ħalla lill-*blogger* Daphne Caruana Galizia tiftaħ attakk fuq Dom Mintoff f'mument mill-aktar kritiku, jiġifieri meta miet l-istess Dom Mintoff mingħajr ma kkundannaha. B'hekk dawk il-Laburisti, madwar 20,000, li vvutaw le għad-divorzju, reġgħu marru mal-Labour għaliex ma ridux ikunu assoċjati mal-Partit Nazzjonalista. B'hekk, waqt li fil-kampanja tad-divorzju l-PN ġab 47%, f'dik tal-elezzjoni ġenerali li saret wara, niżel għal madwar 43%.

Ir-riżultat tad-divorzju wera lill-Partit Nazzjonalista li l-alleat storiku tiegħu, jiġifieri l-Knisja Kattolika, ma kinetx aktar relevanti strateġikament fil-kamp politiku. B'hekk il-liberali fil-Partit saħħew l-aġenda tagħhom li jeskludu lill-Kattoliċi minn pożizzjonijiet ta' tmexxija. Dak li verament kellu jsir hu ħidma sfiqa biex jissaħħu l-istrutturi qodma u jinbnew oħrajn ġodda għaliex il-kampanja tad-divorzju wriet id-dgħufija politika li kien jinsab fiha l-Partit Nazzjonalista. Peress li dan ir-referendum intilef, il-Partit Nazzjonalista spiċċa f'diffikultà u ma setax jadotta l-istess strateġija bħalma ġara fir-referendum tal-Ewropa, jiġifieri jmur għall-elezzjoni biex jeħles mill-*franchi tiratori* fil-partit.

## L-Isfida Demografika

Fil-verità, il-Partit Nazzjonalista kien il-protagonist li ġab it-tranżizzjoni tal-istat Malti lejn il-modernità. Kien hu li mmodernizza lil pajjiżna, sew fuq livell ekonomiku, soċjali, kulturali, politiku, u anki demografiku. Biss imbagħad żbalja billi ma żammx mal-pass taż-żmien, jiġifieri l-istampa tal-istorja globali ma rahiex.

Hawnhekk tinsab waħda mill-isfidi futuri tal-Partit Nazzjonalista. Malta se tkun qed taffaċċja sfidi ġodda fil-kamp soċjali, b'mod partikolari, f'dawk demografiċi. Forsi wara l-kampanja tad-divorzju, l-ikbar sfida li tidher fuq l-orizzont f'din id-dinja ta' gwerer kulturali se tkun dik tal-abort.

Biss, aktar importanti minn dan, hemm il-mod kif qed tiżviluppa l-familja tagħna. Fl-2013, 16% biss taż-żgħażagħ Amerikani jemmnu li huma għad jista' jkollhom futur aħjar minn dawk tal-ġenituri tagħhom. Ma għandniex dubju li din l-istatistika pessimista se tkun fattur li se narawh iseħħ ukoll f'pajjiżna. Sal-lum, iż-żgħażagħ f'Malta raw il-futur tagħhom b'fiduċja.

M'hemmx dubju li l-Ewropa miexja lejn diżastru uman spettakolari, b'mod partikolari jekk ma jirnexxilhiex issolvi l-problemi assoċjati mal-popolazzjoni li dejjem qed tikber fl-età waqt li fuq livell demografiku, qed tkun f'dak li jissejjaħ 'below-replacement levels'. Li hu żgur, li l-Partit Laburista fil-gvern iħares b'distanza lejn l-immigrazzjoni tan-nies ta' ġilda skura. L-immigrazzjoni jaraha mil-lat kulturali biss, bħala integrazzjoni tal-Musulmani fil-gżira, għaliex huma *subfield* ta' votanti għalih. Waqt li meta juri politika anti-iswed, ikun qed jiġbor u jikkultiva fi ħdanu *sub-set* ieħor ta' votanti Maltin, li rajniehom jagħtu l-appoġġ tagħhom lil-Labour matul l-elezzjoni tal-2013 minħabba l-*pushback policy*. Għalhekk, jekk din it-tendenza se tkun hemmhekk, allura l-Partit Nazzjonalista se jkollu sfida politika, dik li jħaddem sew il-politika tal-integrazzjoni u jibqa' jżomm mal-prinċipji tiegħu ta' inklussività, irrispettivament minn razza u kulur tal-ġilda. It-tentazzjoni se tkun waħda kbira, li jimxi mal-kurrent. Kif fil-fatt qed jiġri.

Kif juri Gladstone, mhuwiex biżżejjed li wieħed *reject the homeostatic*[189] għaliex jaħseb li l-mekkaniżmi demografiċi se jibbilanċjaw lil xulxin skont il-formula proposta minn Malthus. Meta d-dinamiżmu fil-popolazzjoni jidħol f'azzjoni, dawn isiru aġenti ta' tibdil ta' sistemi soċjali komplessi. Il-problema tinsab fil-fatt li "societies adjusted, whether badly or well, to changes." Ir-rwol tal-partiti politiċi hu dawk li jaraw u jgħinu lis-soċjetà taġġusta tajjeb għal dan it-tibdil soċjali.

189 The homeostatic equilibrating mechanism built into the iron logic of the "law of population" rests on a circular chain of reactions that link fertility, mortality and living standards. Hence, the near impossibility of sorting out the direction of causal relationships, no matter how sophisticated the statistical techniques brought to bear on actual historical data. The temporal ebb and flow of this system is not readily captured by a comparative statics exercise, not least because the time scale needed for the different links to recalibrate themselves is not itself consistent.

## Kunċetti ġodda ta' Familja

Fid-demografija storika, nitkellmu dwar il-kunċett ta' kriżi u li kienu kriżijiet fil-popolazzjoni li ġabu tibdil fundamentali fil-formazzjoni tal-ħajja tal-bniedem u l-kompożizzjoni tal-familja tiegħu. Partit politiku konservattiv hu meqjus ukoll bħala familja u jaħdem fuq l-istess mudell ta' familja. Mexxej iħares lejn il-viżjoni li jrid jagħti lill-partit tiegħu kif hu jħares lejn il-viżjoni li jixtieq għall-familja tiegħu. Din il-kriżi li jinsab għaddej minnha l-Partit Nazzjonalista, kienet fl-2013 meqjusa bħala kriżi ta' identità. Żgur li hija kriżi ta' kunċetti u bħal kull kriżi ta' kunċetti tissolva biss billi tintuża r-rigorożità u s-sensibbiltà politika aktar milli billi wieħed jitkellem dwar alleanzi transversali ta' ħsibijiet opposti. Dawn qatt ma ħadmu u mhux se jaħdmu issa. Il-Partit Nazzjonalista, għalhekk, kellu jiddeċiedi jekk iż-żmien li għandu quddiemu kienx se jkun żmien tar-riformi jew ta' kontro-riformi. Jekk kienx se jkun żmien ta' tisħiħ tal-prinċipji bażiċi jew tal-kreazzjoni ta' prinċipji ġodda. L-għażla riedu jagħmluha l-membri ta' din il-familja, aktar milli xi ġunta selettiva, kif fil-fatt ġara.

B'hekk mhux kulħadd beda jaqsam l-istess ideali fil-Partit Nazzjonalista. Diġà fl-2013, intwera ċar li kull membru kien jeħtieġ li jerġa' jibda jaqsam dawk li huma l-*common goals* marbuta mal-promozzjoni tal-paċi, il-ġustizzja soċjali, id-drittijiet umani, avvanz soċjali u, fuq kollox, li jsaħħaħ il-'core element'. Dan hu l-punt kruċjali ta' kollox. Permezz tiegħu, partit jasal għall-iżvilupp organiku u sostenibbli. Fl-2013, il-partitarji riedu kap ġdid li jkun kapaċi jkompli fuq il-*legacy* ta' Lawrence Gonzi u jaħdem biex jikkrea *bond of understanding.* Dan il-*bond* kellu jseħħ l-ewwel fi ħdan l-istess partit u mbagħad bejn il-partit u n-nies, jiġifieri dik l-għaqda li kull organizzazzjoni teħtieġ biex tiffunzjona. Meta dan ma jseħħx, dak il-mument jew aħjar "the momentous day" li l-Partit Nazzjonalista jerġa' jmur fil-gvern tbiegħed minnu.

Għalhekk fl-2013, il-futur tal-Partit Nazzjonalista kien jinsab f'kemm kien se jkun kapaċi jagħmel *outreach* fil-pożizzjonijiet soċjali li qed jinbnew f'Malta biex jinstab bilanċ. *Outreach* għamlu iżda ma żammx bilanċ. Rema ideoloġija biex ħaddan oħra. B'hekk il-*core voter* ħassu aktar għarrieb fil-partit tiegħu stess. Il-waqgħa tal-Komuniżmu wriet fattur importanti. Il-battalji dottrinali ma jwasslu mkien. L-*outreach* tal-PN, bħalma turi l-*issue* reċenti ta' *same sex marriage,* kienet biss waħda dottrinali meta l-istess partit innega d-dritt ta' *free vote* fil-Parlament lill-element Kattoliku fi ħdanu.

## L-Aspett Teknoloġiku

Anki f'dak li kellu x'jaqsam ma' ideoloġija, il-Partit Nazzjonalista ma għamilx PR. Il-PR kienet problema qabel l-2013 u baqgħet problema wara li Simon Busuttil laħaq kap tal-partit. Diġà stabbilejna li qabel l-2013, minn barra l-Partit Nazzjonalista deher li l-liberaliżmu fi ħdanu hu f'kunflitt mal-ħsieb konfessjonali jew konservattiv tiegħu. Fih innfisu, dan il-konflitt ma kienx responsabbli għal din is-*swing* hekk kbira fl-2013. Dan ma jfissirx li ma kellhiex l-effett tagħha. Bħalma rajna, kien hemm Kattoliċi li anki qabel l-2013 ma kinux għadhom iħossuhom rappreżentati mill-Partit Nazzjonalista u kif żviluppaw l-affarijiet fl-istess partit wara l-2013, dawn żdiedu bil-kbir. Ġa kellek numru ta' Kattolici li ddeċidew li jivvutaw Labour fl-2013, bħalma kien hemm oħrajn li jħossuhom liberali u vvutaw Labour għaliex tassew ħassew li l-Partit Nazzjonalista hu wisq konservattiv. Biss in-numru ta' Kattoliċi li abbandunaw lill-Partit Nazzjonalista wara l-2013 kompla jikber.

L-effett ta' din l-*issue* kien wieħed aktar ta' immaġni u perċezzjoni. Waħidhom ftit kien se jkollhom effett fuq ir-riżultat elettorali tal-2013. Infatti, id-divorzju ma kienx waħda mill-*issues* ta' fuq nett u kif diġà stabbilejna ma kienx waħda mir-raġunijiet ewlenin li ġew mogħtija għat-telfa elettorali, anki jekk tissemma' konstatament. Iżda meta mad-divorzju ngħaqdu numru ta' *issues* oħra, bħall-kwistjonijiet taċ-ċensura u sitwazzjoni ta' każijiet żgħar li kibru minħabba l-interventi bla sens mill-pulizija fuq iċ-ċittadini bħalma kienu t-tressiq il-Qorti ta' nies fuq xi artiklu jew kitba fuq *Facebook*. Dawn ħolqu sitwazzjoni disastruża ta' PR għall-Partit Nazzjonalista. Għaliex fuq naħa, il-Partit Nazzjonalista deher bħala wieħed konservattiv u konfessjonali, iżda mbagħad, fejn ried, kien anki arċiliberali bħal fil-każ tal-karozzi tal-Arriva, li ma tħallewx ikollhom fuqhom immaġni reliġjużi. F'dan il-każ, il-Gvern ma ddejjaqx jidher sekulari u liberali fl-istess ħin. L-istess ma ddejjaqx jidher sekulari meta ġie biex jgħaddi leġiżlazzjoni fuq il-*gaming* u logħob ieħor tal-azzard f'Malta. Għal numru ta' Kattoliċi, id-difiża tal-moralità Kattolika dehret biss bħala qafas minn barra iżda bla ebda profondità jew ruħ fil-Partit Nazzjonalista. Anki hawn, il-Partit Nazzjonalista tilef il-*high moral grounds* tiegħu, kif eks-Ministru Nazzjonalista qal lill-istess Kummissjoni.

Waqt li Dr Lawrence Gonzi mexxa l-politika tiegħu fuq il-valuri Kristjani, speċjalment il-politika soċjali u ekonomika tiegħu, maħsuba biex tgħin iż-żgħir u tara li dan ma jaqax lura, jew jitgħaffeġ mill-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji reċenti, tant li mhux darba jew tnejn l-uffiċċju tiegħu ndaħal biex jirranġa sitwazzjoni partikolari ta' nies li nqabdu fl-ingranaġġ burokratiku,

il-messaġġ li l-midja riedet twassal kien messaġġ ta' tip ieħor. Il-valuri Kristjani ma għadhomx jidhru *sexy* f'għajnejn ta' ħafna, anzi dehru bħala messaġġi konservattivi u absoluti. Ironikament dawk l-aktar li għamlu dan il-messaġġ Kristjan jidher ikrah (minbarra n-nuqqas ta' viżjoni fit-tmexxija tal-Knisja) huma l-istess nies li normalment huma kontra l-fqir u favur pożizzjoni liberali fl-istess Partit. Għalhekk kien faċli li dak kollu ħażin jidher bħala marbut ma' xi konfessjoni ta' fidi, waqt li kien hemm interessi oħra fil-midja, li turi r-reliġjon bħala waħda bigotta. Iżda jibqa' fatt wieħed importanti. Kif stqarr miegħi persuna anzjana fil-politika fi ħdan l-istess Partit Nazzjonalista, kull darba li l-Partit Nazzjonalista mexa lejn il-politika liberali tal-lemin, hu bata minn telfiet elettorali kbar.

## It-triq 'il quddiem

Matul kull proċess ta' tiġdid, wieħed irid juri paċenzja u r-riżultati jieħdu ż-żmien għaliex il-perċezzjoni pubblika ddum ħafna ma tassorbi t-tibdil li jkun qed iseħħ. L-agħar ħaġa li jista' jiġri lil xi partit, bħalma ġara lill-Partit Nazzjonalista f'dawn l-aħħar snin, hu dak li jidher li qiegħed jagħmel *micromanage* tal-ħajja ta' kuljum tan-nies.

Biex din tinbidel, wieħed irid verament jemmen fl-ideali tiegħu, għaliex imbagħad ikun passjonali lejhom. Kif innota G.K. Chesterton, it-twemmin hu dak li jagħti viżjoni u mhux il-prinċipji ta' razza, etniċità jew territorju. Dan kien qalu f'kumment dwar x'jagħmel in-nazzjon Amerikan. Wieħed irid jiftakar li "The Declaration of Independence" ibbażat il-kredu kollu Amerikan fuq it-tagħlim bibliku dwar il-ħajja umana u d-dinjità tagħha. Naħseb li din għandha tkun il-linja li fuqha għandu jibni l-immaġni tiegħu l-Partit Nazzjonalista, fil-fedeltà lejn l-istorja u t-tradizzjoni tiegħu, li hija waħda glorjuża u li ma għandux għaliex jistħi jitkellem dwarha. L-ideali Nazzjonalisti jistgħu jirriduċu ruħhom f'nozzjoni li Malta trid stat li fih tirrenja l-liġi u l-ġustizzja, fid-dawl tal-kompassjoni u s-sens komun.

## L-aspett legali

Il-poter politiku kif żviluppa fl-Ewropa minn wara r-Rivoluzzjoni Franċiża fl-Ewropa jdur wara tliet prinċipji differenti li jduru f'xulxin. Hemm il-ħsieb konfessjonali Kristjan. F'dan il-ħsieb, il-ħsieb Kattoliku hu l-aktar

qawwi. Dan deher bħala l-aktar wieħed tradizzjonali u anki bħala dak il-ħsieb li għall-bidu kien l-aktar avers lejn il-prinċipji demokratiċi, anki jekk wieħed irid jgħid li l-prinċipji demokratiċi kienu jqisuh bħala l-ikbar għadu tagħhom. Imbagħad hemm il-poter massoniku. Il-Knisja Kattolika kienet l-ikbar għadu għal dan il-poter, għaliex il-mażunerija kienet tara fil-Knisja Kattolika istituzzjoni li tfixkel il-progress demokratiku u liberali li l-mażuni riedu jilħqu. Kien żmien ta' meta ma kienx għad hemm ħsieb ta' oppożizzjoni, fejn forza waħda kienet tfittex li tfarrak lill-oħra. Fuq kollox il-ħsieb rivoluzzjonarju wassal ukoll għat-twelid tax-xellug li se jsir forza apparti, mhux grazzi għall-ħsieb soċjali ta' Rousseau, iżda għar-rivoluzzjoni industrjali.

F'Malta dawn il-forzi kontradittorji jidħlu wkoll. L-ewwel ma tidħol hija l-forza massonika. Din nibdew narawha attività fil-moviment risorġimentali Taljan fejn ċertu elit, speċjalment nies marbuta mal-klassi tal-liġi, jidħlu fil-moviment massoniku Taljan. L-ewwel permezz tal-ispirtu Mazzinjan u wara f'dik li se tkun magħrufa bħala l-Grande Oriente d'Italia. Fuq kollox f'Malta kellek ukoll Mażunerija Ingliża iżda din tidher li kienet maqtugħa min-nies, jew aħjar kienet esklussiva għall-Ingliżi. B'hekk f'Malta żviluppaw żewġ tradizzjonijiet Massoniċi, opposti għal xulxin. Dawk membri tal-Mażunerija Taljana ftit li xejn fittxew jidħlu f'konflitt mal-poter ekkleżjastiku iżda pjuttost fittxew il-poter ġuridiku u l-kompromess storiku li se jintlaħaq bejn il-ġudikatura fuq naħa u l-forzi imperjali fuq in-naħa l-oħra. Biss din l-istorja għad trid tinkiteb. Waqt li dawn huma riflessi fuq osservazzjonijiet storiċi, jeħtieġu aktar approfondament. Żgur li kien hemm żwiġijiet imħallta bejn familji miż-żewġ naħat, jiġifieri ġenituri membri tal-mażunerija Taljana u oħrajn f'dik Ingliża jżewġu lil uliedhom għand xulxin. Biss membri tal-mażunerija tal-*Grande Oriente d'Italia* daħlu f'kunflitt ma' Manwel Dimech u se jkunu huma (m'hemmx dubju megħjuna mill-mażunerija Ingliża, biex jeħilsu minnu wara li l-istess Dimech attakka l-poter ġuridiku fuq it-tgħalliq ta' persuna innoċenti, ċertu Rużar Mizzi magħruf bħala l-Lajs, li wieħed minn uliedu, ċertu Barbara, li kien illeġittimu, iżżewweġ 'l oħt in-nannu tiegħu.

Iżda l-involviment okkult tal-mażunerija fil-politika rajnieh fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet. F'dan il-perjodu, il-Mażunerija tiskjera ruħha kontra Dom Mintoff, għaliex anki jekk Mintoff għamel attakki kontinwi fuq il-Knisja (xi ħaġa gradita għall-Mażuni – anki jekk hemm min isostni li hu stess kien oriġinarjament membru tal-Mażunerija Ingliża) il-politika ekonomika tiegħu ma kienet xejn tinżel għal qalb l-istess membri tal-loġoġ

Maltin. Għalhekk il-mażunerija setgħet biss tħares b'rispett lejn il-Gvern Nazzjonalista ta' bejn l-1987 u l-2003 minħabba l-libertà ekonomika li hu daħħal u l-proġett li l-istess Gvern kellu biex idaħħal lil Malta fl-Unjoni Ewropea. Ministru ewlieni tal-Gvern ta' Eddie Fenech Adami, jiġifieri Guido de Marco, kien il-*linchpin* bejn iż-żewġ naħat, jiġifieri dik Kattolika u dik Massonika. Kien pont tajjeb, anki finalment l-alleanza tiegħu kienet lejn il-mażunerija, li kif spjegali xi ħadd minn ġewwa, kien membru tagħha.

Il-Mażunerija f'Malta baqgħet fuq in-naħa tal-Partit Nazzjonalista sal-2008, anki jekk wara l-2003 bdiet tieħu pożizzjoni aktar qawwija kontra l-parti Kattolika fi ħdan l-istess Partit Nazzjonalista, iżda sakemm kien għad hemm Alfred Sant, baqgħet kommessa kontra l-Partit Laburista. Il-fatt li wara l-2003 il-mażunerija ntefgħet b'ruħha u ġisimha wara Joseph Muscat jikkonferma l-kambjamenti politiċi li seħħew f'Malta. Lawrence Gonzi kien jidher wisq konfessjonali għaliha u tajjeb kemm kien tajjeb, riedet twarrbu u għamlet l-alleanzi meħtieġa biex tasal għal dan il-għan. Fuq kollox, ċerti *issues* li assistejna għalihom qabel l-2013, bħalma huma l-ewwel talbiet għal *gay marriages*, LGBT u pedofelija fost il-kleru huma terren fertili ta' spunt ta' ideoloġija massonika. F'dawn il-kontroversji beda jimraħ f'Malta l-ideal tal-libertà individwali fuq dik kollettiva. Fuq in-naħa l-oħra, il-ġerarkija ekkleżjastika kienet waħda frantumata u mingħajr direzzjoni.

## Partit tal-Avukati

Storikament, il-Partit Nazzjonalista kien assoċjat jew aħjar meqjus bħala l-partit tal-avukati. Kien meqjus bħala *lopsided* wisq favur il-qasam u l-kunċetti legali. Dan kien mistenni meta l-maġġoranza tal-membri tiegħu kienu tobba jew avukati. Dan kellu r-riżultat tiegħu b'mod speċjali wara l-2008 meta spiċċa vittma, aktar minn darba, tal-burokrazija maħluqa mill-istess liġijiet li hu stess għadda. Iżda f'dawn l-aħħar snin, kien hemm ukoll min qies din il-preżenza legalistika bħala detriment għal oqsma oħra ta' għerf li s-soċjetà Maltija qiegħda tipproduċi, anki jekk jidher ċar li l-istess Partit Nazzjonalista qed jagħraf dawn il-kambjamenti li, finalment, kien hu stess li introduċa fis-soċjetà tagħna meta fetaħ l-università ta' pajjiżna għall-oqsma ġodda ta' tagħlim. Anki din l-istess kummissjoni, li minnha jien kont nagħmel parti, tirrappreżenta din id-diversità ta' ħsieb u studji. Iżda għal xi wħud, dan l-element ta' dominazzjoni ta' ħsieb legali fil-politika Nazzjonalista kien *counterintuitive*. Persuna li ġejja mill-qasam legali u

anki oħrajn qalulna li l-PN huwa "a stiff upper-class party" jew "*partit tal-avukati.*" Huwa importanti li din l-immaġni tinbidel. Fuq kollox illum "rhetoric and possible fiery speeches," ma għadhomx l-uniċi elementi li jagħmlu l-politika Maltija. Waqt li bħala membru ta' din il-Kummissjoni nifhem li din hija perċezzjoni, għaliex kien hemm uffiċjali għoljin f'dan il-partit li ma kinux avukati, il-Partit Nazzjonalista jrid jaħdem aktar ħalli din l-immaġni tinbidel. Il-problema li nħolqot kienet li din il-mentalità legalistika wasslet biex fil-Partit Nazzjonalista l-eżerċizzju tal-poter ġuridiku sar sinonimu ma' kemm persuna kapaċi tgħid le. Il-poter ġuridiku jiġi eżerċitat tajjeb, kemm persuna tkun taf tippreżenta lilha nnifisha bħala waħda diffiċli u tkun taf tgħid le u żżomm ma' punt, anki jekk tkun fl-iżball.

## Il-Kattoliċiżmu u l-Kostituzzjoni

Jekk hemm aspett ta' *cliché* legali li ssemma f'dawn l-aħħar snin u anki saru referenzi għalih fil-kummenti li rċeviet il-Kummissjoni, dan kien għar-referenza fil-Kostituzzjoni tagħna għar-reliġjon Kattolika. Għal ħafna Kattoliċi, din ir-referenza għandha tibqa'. Din hija biss referenza ta' *acknowledgement* ta' fatt ta' identità. Ta' min ifakkar li l-Kostituzzjoni fiha żewġ elementi. L-ewwel wieħed hu dak deskrittiv u t-tieni wieħed hu dak preskrittiv. Kulħadd jaqbel li din ir-referenza għall-Kattoliċiżmu hija waħda deskrittiva u mhux preskrittiva. Il-mistoqsija li tiġi b'mod naturali hi, għaliex tneħħi affarijiet li huma deskrittivi li kienu parti, fil-każ tagħna, mill-formazzjoni ta' Malta bħala Nazzjon u wara ta' stat Sovran Ewropew? Min għandu interess li jagħmel hekk, jagħmlu għaliex għandu interess Marxista li jikkrea identità ġdida.

## Il-libertà personali

Is-soċjetà Maltija, bħal kull soċjetà oħra umana tal-Punent, qed issir dejjem aktar fraġli. Dan ġej mill-fatt għaliex l-istess soċjetà qed issir dejjem aktar komplessa.

Għal ħafna fl-Ewropa, dan id-dinamiżmu hu sintomu ta' soċjetà fi kriżi. Quddiem il-kriżijiet dejjem jikbru, żgur li mhux se jkun hemm qbil ta' kemm u fejn għandu jibda u jieqaf l-indħil tal-Istat u fejn għandu jibda u tieqaf l-isfera tal-privat. Biss żgur li d-diskussjonijiet li dawn iġibu

magħhom ikomplu jagħmlu mis-soċjetà tagħna waħda aktar b'saħħitha u matura. Nemmen li l-Partit Nazzjonalista għandu jfittex l-għeruq tiegħu fil-ħsieb popolari, kif ġie ffurmat fis-seklu dsatax u fir-radiċi tal-kultura Griega u dik Kristjana li ffurmat din l-istess Ewropa.

Għalhekk, jingħad x'jingħad, il-mudell demokratiku se jibqa' mibni fuq kunċett ta' partiti. Nistgħu nibdlu l-isem, iżda s-sustanza se tibqa' dik li hi. Biss il-politiċi jridu juru aktar umiltà u jfittxu li jferrxu l-poter tagħhom aktar milli jikkonċentrawh fuq ftit nies.

Il-Partit Nazzjonalista jrid jerġa' juri u jikkonvinċi lill-poplu li huwa l-partit li jista' jġib il-ġid u d-differenza f'pajjiżna. Din hija missjoni li ma għandhiex tkun diffiċli grazzi għall-istorja ta' suċċess li kellu matul dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin, b'mod partikolari grazzi għall-perjodu ta' tmexxija ta' Eddie Fenech Adami. Waqt li forsi llum l-affarijiet jidhru ħżiena, ma għandix dubju li l-messaġġ ta' futur aħjar jista' jilħaq l-elettorat.

Il-Partit Nazzjonalista jrid ikun hu li jakkumpanja l-umanità l-ġdida li qed titwieled. Irid isir aktar parteċipanti fid-dibattitu globali. Irid jagħmel il-vuċi tiegħu tinstema' dwar il-ħafna *issues* li s-soċjetà qiegħda tiffaċċja u jagħti risposta għall-isfidi tas-soċjetà.

## Drittijiet ċivili fil-futur

L-istrutturi soċjali huma ħafna diffiċli biex tibnihom iżda hu faċli ħafna li tkissirhom. Kull riforma fis-soċjetà trid tkun mibnija fuq il-kunċett ta' dak li jissejjaħ bl-Ingliż *risk-averse*. Meta jsir it-tibdil, dan it-tibdil għandu jsir b'mod gradwali jew *incremental*, ikun reversibbli u, fuq kollox, ikun hemm evalwazzjoni rigoruża dwaru. Dan hu dak li ma sarx bejn l-2013 u l-2017.

F'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tal-Partit Nazzjonalista ma kellhiex tkun favur jew kontra l-kultura *gay* bħalma ma kellhiex tkun favur jew kontra l-kultura *straight*. Dak li l-Partit Nazzjonalista ried ifittex hu li jħaddan dak li jgħidu bl-Ingliż *an open culture*. Kif innota xi ħadd, b'ton ftit kontroversjali, id-diskorsi dwar l-abort, żwieġ bejn tnejn tal-istess sess, kontraċezzjoni, imorru għall-ħsieb u l-filosofija Griega: Kristu qatt ma tkellem dwarhom.

Hemm problema tat-transesswali għaliex ċerti movimenti femministi fl-Ewropa, għall-inqas fil-passat reċenti, eskludewhom bħala parti mill-moviment femminista. Dan għaliex waqt li dawn isibu s-solidarjetà fil-movimenti assoċjati mal-*gays* u leżbjani, huma meqjusa bħal kategorija

oħra, kważi kważi kien hemm min wasal biex jipproponi li t-talba biex it-transesswali jkunu rikonoxxuti bħala nisa, *undermines* il-moviment femminista.[190] Għalhekk anki hawn id-dibattitu dwar il-kunċett ta' inklussività f'dawk li għandhom x'jaqsmu LGBTIQ hu wieħed ikkumplikat u kontroversjali ħafna, iżda ħa nittratta punt punt skont kif joħroġ mill-kummenti li kienet irċeviet il-Kummissjoni.

## Il-'Gay Rights'

Sal-2013, iż-żewġ partiti kienu qegħdin pjuttost jimxu b'kawtela f'dan is-settur, anki jekk il-Partit Laburista kien ġa deher li għandu pożizzjoni aktar ċara. Min-naħa l-oħra, il-Partit Nazzjonalista deher li għal ħafna snin warrab jew injora totalment din l-*issue.* Bħala prova ta' dan inġieb il-fatt li l-Partit Nazzjonalista baqa' ma ressaqx il-liġi tal-koabitazzjoni u anki ma ħax pożizzjoni, meta l-MGRM *(Malta Gay Rights Movement)* bagħtet sett ta' mistoqsijiet lill-partiti politiċi. Il-Partit Nazzjonalista għamel żball li ma rrispondiex dawn il-mistoqsijiet. Ġie nnutat ukoll li f'waħda mil-laqgħat li saru Fuq il-Fosos fl-okkażjoni tal-Indipendenza waqt li l-Prim Ministru Lawrence Gonzi semma l-kwistjoni ta' koppji tal-istess sess, l-udjenza bbuwjat. Dan hu att ta' min jikkundannah bla riserva, kif fil-fatt ġara, iżda din l-okkażjoni xorta tat stampa xejn sabiħa tal-Partit Nazzjonalista.

Il-Partit Nazzjonalista pprova jagħmel xi ħaġa fl-aħħar ftit, iżda din dehret bħala konvenjenza aktar milli konvinzjoni. Dan seħħ matul il-kampanja elettorali tal-2013, fejn fiha biddel ir-rotta totalment fuq dan is-suġġett u saħansitra qiegħed il-qawsalla, li hu simbolu assoċjat mal-*Gay Movement*, fuq il-programm elettorali u anki tkellem fuq dan is-suġġett matul l-istess kampanja elettorali, iżda ma ġabx ir-riżultati mixtieqa. Anzi spiċċa li ma għoġob lil ħadd, kemm dawk li jqisu lilhom infushom progressivi u dawk li jaraw lilhom infushom bħala liberali, waqt li ġie aljenat il-vot konservattiv u konfessjonali. Għalhekk, bdil ta' valuri (mingħajr ma nidħlu fil-mertu), wasslu biex żiedu din it-telfa, għaliex spiċċa biex dawk li kienu jew huma kontra ċerti valuri, ma baqgħux iħossuhom parti minn dan il-partit, waqt li dawk li kienu favur ċerti valuri oħra, raw din il-*volte face* tal-Partit Nazzjonalista bħala waħda superfiċjali u żgur mhux konvinċenti.

---

190 Għal numru ta' esponenti tal-Moviment Femminista bħal Julies Burchill u Bindel, it-transesswali ma jidħlux fit-teoriji femministi.

Sal-2013, iż-żewġ partiti politiċi ma kinux qed jaqblu li jkun hawn żwiġijiet jew *same sex marriages,* iżda kienu qed jitkellmu f'termini ta' *civil unions*. Dun hu kunċett differenti. Fi Franza, pereżempju, is-*civil unions* iddaħħlu u kienu magħrufa taħt il-kelma PAX. Illum marru pass 'il quddiem u daħħlu anki ż-żwieġ bejn l-istess sess.

L-inklussività f'partit politiku ma tiġix billi wieħed jilqa' fi ħdanu strutturi bħal *gay movements*, LGBTIQ eċċetra. L-inklussiva hija aktar wiesgħa minn hekk. Biss b'dan ma rridx infisser li jien kontra dawn id-drittijiet jew li dawn ma għandhomx posthom fil-Partit Nazzjonalista. Iżda minħabba l-gwerra kulturali li ġiet ikkreata f'dawn l-aħħar snin, din l-inklussività ma waslitx b'mod sħiħ u ċerti avvanzi li saru f'dan il-qasam mill-Partit Nazzjonalista, speċjalment f'dak li jikkonċernaw persuni bi bżonnijiet speċjali, intilfu jew ittieħdu *forgranted*. Fil-kuntest lokali din il-kelma inklussività ġiet assoċjata b'suċċess mad-drittijiet tal-LGBTIQ.

F'dan il-kuntest, hemm ukoll min jaħseb, kif esprima ruħu Claudio Grech, li "Conservatives who do not even want to discuss issues like gay rights are fossilised... their time is up. The time of absolutism is over... if we define ourselves solely as a conservative party we are doomed to remain perpetually in opposition." Inċidentalment, Grech jidher li biddel din il-pożizzjoni għaliex fl-2017 kien wieħed minn dawk li ma kienx preżenti fil-Parlament meta ttieħed il-vot dwar il-liġi dwar żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess fl-2017!

Grech naħseb li induna li rebħa ta' elezzjoni hija *issue* ta' aktar minn 'gay rights'. Dawn ġew diskussi u offruti matul il-kampanja elettorali kemm fl-2013 u anki fl-2017, iżda xorta taw riżultat elettorali ħażin lill-Partit Nazzjonalista. Jista' jkun ukoll li dawn huma *issues* li qed iġibu problemi elettorali anki lix-xellug. Zapatero fi Spanja ma rnexxilux jitla' anki jekk kien illeġiżla favur il-*gay marriages* f'pajjiżu. Fi Franza, din l-issue *back fired* fuq Hollande minħabba l-kriżi ekonomika. Skont La Stampa, fi żmien ta' kriżi ekonomika, li tkun progressiv fil-kostumi morali mhux bilfors tirnexxi.[191] Fl-Ingilterra, saħansitra fl-2013, kienet tidher li se tkun tfisser it-tmiem tal-Partit Konservattiv Ingliż, kif fil-fatt ġara.

Min-naħa l-oħra, fl-2013, l-element Kattoliku kien jidher li jaqbel mal-element ta' unjoni, iżda mhux ma' żwieġ, jiġifieri li jkun hemm unjoni bejn individwi tal-istess sess "because there are many couples that suffer because their civil rights aren't recognized. What can't be recognized is that this

191 http://www.lastampa.it/2013/03/28/esteri/l-affondo-di-hollande-italia-populista-KImvlo7z1IYqe7ia9NbKqN/pagina.html.

[union] is equivalent to marriage." Naħseb li l-*issue* taż-żwieġ kienet titlob diskussjoni aktar komplessa, għaliex hawn qed nitkellmu fuq re-definizzjoni taż-żwieġ li twassal għal re-definizzjoni ta' ħafna liġijiet tal-familja u fuq kollox re-definizzjoni tat-taxxa nnifisha li sa issa, il-kunċett tat-taxxa jinħadem fuq familji etero-sesswali, li bijoloġikament huma l-uniċi koppji li jistgħu jipproduċu tfal. Biss illum nafu li din id-diskussjoni ma saritx fil-Partit Nazzjonalista u dan il-kunċett ġie impost minn Simon Busuttil fuq il-grupp parlamentari għaliex kien hemm min bellagħhielu li kien se jġib miegħu l-vot tal-komunità *gay* f'Malta. Xi ħaġa li ma ġratx. Inkella għaliex ġa kien qed jara x'postijiet jista' jieħu minn Brussell. Ma riedx li tmissu l-istess xorti ta' Rocco Bottiglione. L-istorja ta' Bottiglione wriet li min iżomm ma' prinċipji Kattoliċi llum, m'għandux post fl-Ewropa ta' Brussell.

Fil-verità, dak li jien kont issuġġerejt fl-2013 hu li l-mudell ta' liġijiet kellu jkun dak Ġermaniż. Dan hu pajjiż li d-dell tiegħu ilu jħuf fuq pajjiżna, iżda kien biss taħt it-tmexxija ta' GonziPN li verament daħal sew fis-sistema u l-ħsieb politiku tagħna. Fuq kollox, hu importanti li lil hinn mill-kontroversji marbuta mal-liġi naturali, jew għażla ta' mudell ġuridiku, koppji tal-istess sess isibu assistenza f'dak li għandu x'jaqsam is-saħħa, il-benefiċċji soċjali u l-wirt.

## L-Ewtanasja

Jekk illum qed jissemmew l-aktar id-drittijiet ċivili għall-omosesswali, fi ftit snin oħra se nkunu qed nitkellmu dwar l-ewtanasja u l-abort. Għal xi wħud, "dan kollu jikkostitwixxi sfidi diffiċli għall-PN fiż-żmien li ġej." Dan hu qasam li wieħed irid jistudjah sew, biss ma jistax il-Partit Nazzjonalista jitħalla jitkaxkar minn pożizzjonijiet ultra konfessjonali, għaliex, ċerti interventi mediċi, kontra l-istess volontà tal-pazjent, imorru kontra l-istess dinjità tal-bniedem. F'dan il-kuntest, għal din il-mistoqsija magħmula minn nies li kitbulna, ix-xogħlijiet tal-Kardinal Carlo Maria Martini joffru spunt qawwi ta' riflessjoni politika.

Imma anki hawn id-diskors huwa wieħed kumpless u trid issir differenza bejn persuna li qiegħda għaddejja minn trattament mediku għal xi marda terminali minn sitwazzjonijiet oħra marbuta mal-abbandun ta' persuni anzjani jew b'diżabbiltà. Għalhekk, kif innota tajjeb Papa Franġisku, waqt li ħafna drabi l-ġlieda tkun dik li wieħed jippreserva l-ħajja qabel it-twelid jew kontra l-piena kapitali, hemm forom oħra, aktar sottili, li jbaxxu d-dinjità

umana, u hawn irrefera għal dak li sejjaħ bħala 'covert euthanasia'. Fil-ktieb *On Heaven and Earth*, Bergoglio jgħid li "Our social security pays up until a certain amount of treatment and then says 'May God help you'." F'Malta għadna ma wasalniex f'dan l-istat, iżda m'hemmx garanzija li xi darba anki aħna nkunu parti minn din is-sistema li kulma tmur qed issir aktar globalizzata. "In this consumerist, hedonist and narcissistic society, we are accustomed to the idea that there are people that are disposable," jgħid Bergoglio, u fuq quddiem nett hemm ix-xjuħ tas-soċjetà tagħna. "There are many who abandon those that fed them, who educated them, who wiped their bottoms," qal tant tajjeb Bergoglio. Min-naħa l-oħra, l-istess kunċett tal-lingwa semantika tagħna, ta' xiħ, huwa importanti, għaliex fih jinkludi l-preservazzjoni tal-memorja u fuq kollox tal-għerf tat-triq, li għadda minn ġenerazzjoni għall-oħra. Fuq kollox, istituzzjonijiet politiċi jridu joqogħdu attenti li ma jaqgħux f'din it-tentazzjoni u jwarrbu l-anzjani tagħhom, għaliex ikunu anki huma qed jitilfu għarfien ta' storja imprezzabbli, li bħaż-żejt fil-magna, iżżomm l-ideoloġija tal-partit ħajja u attiva, waqt li jgħinu biex inaqqsu r-riskju ta' żbalji operattivi u dawk amministrattivi.

## L-Abort

Wasal iż-żmien ukoll li l-Partit Nazzjonalista jaġġorna l-attitudni tiegħu dwar is-suġġett tal-abort, għaliex illum jew għada se jsibu ma' wiċċu. Jekk il-Partit Nazzjonalista mhux se jkun ippreparat sew anki fuq dan is-suġġett, ikun qed jirriskja li jkompli jingħalaq fl-iżolament u jirriskja li jsir totalment irrelevanti. L-irrelevanza ma tiġix mill-fatt tal-pożizzjoni li l-partit jieħu, imma minn kemm l-istess partit ikun ippreparat fuq is-suġġett jew le. Allura, dan hu qasam ieħor li l-Partit Nazzjonalista jrid jinforma ruħu sew fuqu. Anki hawn, ir-relattiviżmu Marxista se jkun l-għodda użata minn dawk li jridu jintroduċu l-abort f'pajjiżna. Mhux possibbli fil-politika inġenerali llum, li partit ma jkollux għajnejh miftuħa għat-tibdil fil-kostumi soċjali li l-pajjiż ikun għaddej minnhom. Bħall-omosesswalità u l-ewtanasja, l-*issue* tal-abort għandha wkoll l-aspett ċivili tagħha.

F'dan il-qasam ukoll, il-Partit Nazzjonalista jrid jagħraf il-progress li sar grazzi għall-ħidma tiegħu fil-passat b'risq is-soċjetà Maltija. Bħalma għedna qabel, matul dawn l-aħħar snin rajna avvanz 'il quddiem tas-soċjetà f'Malta f'kull qasam tal-ħajja, inkluż f'dik tad-dinjità tal-mara. Illum ma għadx

għandna problemi ta' sanità, jew nuqqas ta' ilma tax-xorb fil-vit. Għandna *healthcare* bażika tajba ħafna. Dawn huma fatturi li jwasslu biex jgħinu fit-tranżizzjoni demografika. Naqset il-mortalità tat-trabi iżda mbagħad, il-familji jibdew jagħmlu ftit tfal. F'kull pajjiż fejn ġew megħluba dawn il-problemi dwar sanità, daħlu kunċetti jew *issues* ġodda bħal dawk tal-abort. Dawn il-kunċetti se jispiċċaw fuq l-aġenda nazzjonali fis-snin li ġejjin, jekk mhux diġà qegħdin wara l-bieb.

F'dan il-kuntest irid jiżdied l-għarfien tal-importanza tad-dinjità umana u tal-familja. Kif ġie previst meta ktibt din il-parti tar-rapport, assistejna għar-redifinizzjoni ta' numru ta' valuri soċjali. Xi uħud tajbin. Oħrajn inqas tajbin. Deher ċar li l-lingwa li kienet se tintuża kienet se tkun waħda ħafna perikoluża u esplossiva bħalma rajna fid-dibattitu dwar id-divorzju. U hekk ġara. Kont anki bassart li issa jonqos biss li nibdew naraw id-diskussjoni dwar *reproductive rights.* Dawn bdew jissemmew fl-2017. Kif bassart ukoll, għal xi wħud, din il-lingwa bdiet tidher sabiħa. Għall-oħrajn bdiet tkun interpretata bħala xi ħaġa ħażina. Kont anki għedt li se jkun hemm *pressures* anki minn barra fuq Malta fejn liġijiet f'pajjiżna jiġu interpretati barra l-kuntest ħalli l-abort jidħol għaliex jibda jingħad li hu "*a fundamental human right*".

Biss wieħed irid ikun aktar ċar x'tip ta' mġiba nixtiequ fis-soċjetà tagħna. Pajjiżi li għaddejjin minn kriżijiet demografiċi, bħar-Russja, qed isiru *pro-life.* Aħna għaddejjin min din il-kriżi, iżda għadha mhux qed tinħass, anki jekk kien hemm aġenżiji bħal Fitch li diġà ġibdulna l-attenzjoni għaliha. Grazzi għall-immigrazzjoni li għaddejjin minnha, Malta qed jirnexxilha tibbilanċja l-piramida demografika tagħha. Iżda, meta din il-bomba demografika se tisplodi, dan se jkun katastrofiku għal Malta.

Min-naħa l-oħra hemm valuri ta' kuxjenza individwali li jridu jibqgħu jiġu rispettati. Dan jgħodd għaż-żewġ naħat. Waqt li żgur għandhom ikunu diskussi prattiċi abortivi, speċjalment jekk jolqtu kwistjonijiet ta' saħħa jew *rape*, id-deċiżjoni għandha titħalla f'idejn l-individwi, jiġifieri f'idejn il-membri tal-familja, f'mumenti bħal dawn ħafna delikati, u kull deċiżjoni trid tittieħed f'serenità bejn il-familja u l-professjonisti mediċi inkwistjoni. L-agħar li jista' jiġri li din tispiċċa battalja ta' kamp legali. Finalment, aborti u deċiżjonijiet marbuta ma' saħħet l-omm ilhom jiġru f'Malta, għall-inqas għal dan l-aħħar mitt sena. Naħseb ukoll li dan l-element jispjega għala Malta għandha rata għolja ta' mortalità tat-trabi, għaliex fiha qed jidħlu wkoll sezzjoni ta' 'aborti kliniċi' li ġustament iseħħu minħabba raġunijiet

mediċi. Meta ma kienx hemm dawn l-interventi, kien ifisser il-mewt tat-tarbija u anki tal-omm. Ikun perikoluż jekk l-abort isir aġent biex wieħed jeżonora lilu nnifsu mir-responsabbiltajiet sesswali tiegħu.

## Is-Sess

Il-Partit Nazzjonalista saħħaħ ukoll il-kultura liberali jew aħjar dik li ġiet deskritta bħala 'libertarian' f'pajjiżna. L-avvanz ekonomiku wassal biex żdiedu l-libertajiet individwali u dak li għal xi wħud jidhru bħala vizzji karatterizzati mis-sess, droga, eċċetra. Hawn nieħu spunt minn dak li qal Papa Franġisku f'laqgħa ma' nies ta' reliġjonijiet oħra. Ir-raġel u l-mara ma jistgħux jiġu ridotti bħala għodda ta' produzzjoni jew oġġetti ta' konsum.[192] Dan hu l-periklu tas-soċjetà tal-lum. L-iżball isir meta bħala risposta għal dawn l-isfidi jinġieb l-argument tat-tradizzjoni. Anki jekk it-tradizzjoni għandna t-toqol u l-validità tagħha, dan l-argument ma jwassal imkien. Anzi fih ir-riskju li jieħu lil dak li jkun lejn xi idea fanatika. Minflok, it-tweġiba tinsab fir-riskoperta ta' moralità ġdida, mgħejjuna minn għejun spiritwali ġdid. L-għażla morali tagħti tweġiba politika ċara għal dan il-kumment li kienet irċeviet l-istess Kummissjoni. "For, despite the gloating of the barren and culturally bereft secularists, this country needs a spiritual antidote to the false gods of consumerism, instant gratification and nihilism which underpin what passes for society in this country."

## L-IVF

Fil-kwistjoni tal-IVF, il-Gvern Nazzjonalista għamel numri ta' żbalji, li huma relatati ma' nuqqas ta' *policies* ċari. Waqt li fuq naħa ma għamel xejn biex iżomm din il-prattika, anzi inkoraġġiha biex issir fil-privat, ma ħallihiex tidħol fl-isptarijiet pubbliċi. Imbagħad, sar żball akbar meta ħaseb li l-IVF tista' tiġi kontrollata permezz ta' liġi. Il-liġijiet kif inhuma interpretati f'Malta, speċjalment minħabba l-vizzjoni tal-iżvilupp ta' kif żviluppa d-dritt, huma aktar meqjusa bħala xi ħaġa restrittiva, aktar milli xi

192 http://www.osservatoreromano.va/portal/dt?JSPTabContainer.setSelected=JSPTabContainer%2FDetail&last=false=&path=/news/vaticano/2013/067q13-L-udienza-del-Papa-ai-rappresentanti-delle.html&title=With%20friendship%20and%20respect&locale=en.

ħaġa li tiffavorixxi l-libertà tal-ħaġa nnifisha. F'dan il-qasam żgur li konna aktar liberi qabel ma ddaħħlet il-liġi aktar milli wara u x-xjenza għandha bżonn il-libertà biex tikber u tespandi. Għalhekk hawnhekk, kif qal persuna li kienet kitbet lill-kummissjoni, "reġa' kien hemm taħwid madornali." Il-liġi kif ippreżentata kienet tobbliga lill-koppji li jridu jużaw l-IVF biex jiksbu l-permess tal-awtorità li kienet se titwaqqaf bil-liġi. Dan ma kien xejn ħlief insult lid-dinjità umana. Billi kien hemm maġġoranza ta' deputati kontra din l-idea, biex tgħaddi l-liġi bla inkwiet, il-Gvern aċċetta li dan l-obbligu jitneħħa. Din il-manuvra serviet biss biex tkompli timmina l-kredibbiltà tal-amministrazzjoni. Possibbli li ma kien hemm ħadd kapaċi jintebaħ x'kien se jiġri?

## L-Atei

Fuq kollox, fil-Partit Nazzjonalista jrid jkompli jikber ir-rispett lejn il-kuxjenza ta' ħaddiehor. Minħabba t-tradizzjoni storika tiegħu, kien hemm min kitbilna u qalilna li: "Atheists do not feel welcomed." Bħalma rajna, waqt li dan il-partit storikament aspira ruħu minn test reliġjuż (u rajna li jagħmel tajjeb li jibqa' jaspira ruħu mill-Vanġelu), fl-istess ħin dan l-istess partit mhuwiex għaqda konfessjonali iżda kif qal xi ħadd għandu jkun a "great hotch-potch of humanity." B'hekk min ma jemminx, u verament iħoss li għandu jħaddan l-ateiżmu, xorta jħossu 'welcomed' fir-rispett tat-tradizzjoni reċiproka.

## Test kulturali marbut mal-għoti taċ-Ċittadinanza

F'dan l-istudju tal-qasam legali tidħol ukoll l-integrazzjoni tal-immigranti fil-komunità tagħna. Is-soċjetà tagħna qiegħda ssir aktar kożmopolita. Waqt li partit politiku għandu joqgħod 'il bogħod minn pożizzjonijiet estremisti, kemm jekk xellugin jew tal-lemin, jidher li iżda l-messaġġ ta' integrazzjoni tal-komunità sewda u immigranti oħra ma kienx qed ikun effettiv biżżejjed. Hawn ukoll, l-enfasi ma tistax tkun biss minn direzzjoni waħda, jiġifieri pożizzjonijiet politiċi favur l-aċċettazzjoni mis-soċjetà Maltija tal-preżenza ta' dawn il-barranin fostna. Illum, barranin fostna jingħataw iċ-ċittadinanza Maltija mingħajr ma jkun hemm l-ebda test ta' kemm dawn in-nies jafu fuq il-kultura ta' pajjiż. Hemm min jaħseb li għandu jkun adottat il-mudell

Amerikan fejn l-għoti taċ-ċittadinanza jkun ukoll marbut ma' test jew eżami relatati ma' għarfien ta' storja u l-kultura Maltija. Dan jista' jgħin għall-integrazzjoni aktar b'saħħitha f'pajjiżna.

## L-Iskola politika tal-Partit Nazzjonalista – L-AŻAD

Iżda biex il-Partit ikun verament fabbrika ġdida ta' ħsibijiet, irid isaħħaħ l-iskola tal-ħsieb politiku tiegħu. Ħafna qalu lill-Kummissjoni li eżaminat it-telfa tal-2013, li l-AŻAD trid terġa' ssir il-fabbrika tal-ideat tal-Partit Nazzjonalista, mhux biss skola ta' ħsieb iżda wkoll pont bejn l-ideat ġodda li jkunu qed jiġu prodotti minn ċentru ta' studju u t-tmexxija tal-partit. B'hekk, din tkun skola li żżomm lill-Partit Nazzjonalista aġġornat fil-ħsieb politiku tiegħu, speċjalment fuq l-iżviluppi li jkunu qed isiru fi ħdan il-kultura u l-filosofija popolari. Kont issuġġerejt il-bżonn ta' twaqqif ta' kummissjoni, li jkollha poteri veri, ħalli tkun tista' tgħin u żżomm laqgħat mal-bażi tal-partit fit-tfassil tal-ħsieb politiku tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-kummissjoni kellha tkun fi ħdan l-AŻAD. L-AŻAD kellha tkun fl-istituzzjoni fejn jinżammu l-*focusgroups,* isiru s-*surveys* eċċ ħalli jkomplu jaġġornaw il-politika tal-Partit Nazzjonalista. B'hekk il-partit ikun jista' jikkrea dak li persuna tant tajjeb iddeskriva bħala "real political education". Din l-istess persuna għarfet li din mhix xi *task* faċli, anki jekk forsi tidher ħafifa minn barra, għaliex faċilment wieħed jaqa' fil-medjokrità ta' dik li titqies bħala *patronising mentality,* li hija parti innata ta' kull sistema politika. "Representing political thought IS NOT like selling news (i.e. telling people what they want to hear… usually the grosser, the coarser, the sleazier, the better") iżda li wieħed jitkellem b'passjoni u b'konvinzjoni għaliex verament jemmen fl-ideali politiċi tiegħu u jagħraf li dawn l-ideali jistgħu jtejbu l-ħajja tal-komunità Maltija.

F'dan il-kuntest, saħansitra, kien hemm min qalilna li l-AŻAD ma għandhiex tibqa' l-Belt Valletta iżda ssir parti mid-Dar Ċentrali. Il-fatt li l-AŻAD qatt ma ġiet korporata bħala parti mill-Istamperija jista' jkun relatat mal-idea li tinżamm distinzjoni bejn il-Partit Nazzjonalista u din il-Fondazzjoni. Iżda loġistikament jagħmel anki sens li ssir parti mid-Dar Ċentrali, l-ewwel biex jittaffew l-ispejjeż, it-tieni għaliex hemm spazju, it-tielet għaliex żgur li se tkun tista' tintlaħaq aħjar mill-pubbliku u r-raba' għax jinħoloq aktar sens ta' appartenenza lejn il-Partit għaliex permezz ta' dawn il-korsijiet, wieħed iħossu qed jersaq lejn binja biex jieħu xi ħaġa lura f'edukazzjoni mingħand il-partit, waqt li jkun qed jitwettaq ukoll il-

motto li hemm miktub fil-*foyer* tal-istess Dar Ċentrali. Dan is-sens jinħass sewwa, għaliex jidher li l-preżenza għal xi uħud tal-AŻAD il-Belt qatt ma rnexxielha tikkrea dak l-*ethos* li kellha meta kienet f'Tagliaferro Centre.

Iżda lil hinn minn kull strutturi fiżiċi, l-element kruċjali jibqa' l-edukazzjoni politika tad-delegati u t-tesserati tal-Partit Nazzjonalista dwar il-valuri li jiffurmaw dan il-partit. Din għandha terġa' titqiegħed fiċ-ċentru tal-missjoni tal-Partit Nazzjonalista.

## Struttura Amministrattiva Mħallta

Il-ħsieb kien li fil-ħames snin ta' wara l-2013, il-Partit Nazzjonalista jkun għadda minn tibdiliet strutturali kbar. Dan kellu jkun jinkludi r-redefinizzjoni ta' dawk li jissejħu d-*denominational structures* tiegħu u dawn kellhom jinfetħu għall-esperjenzi ġodda, anki jekk kif intqal minn xi ħadd, il-fazzjonijiet interni kellhom jinbidlu f'*assets* u mhux ikunu ta' *liability* għall-Partit Nazzjonalista, kif il-fatt ġara. "Every healthy party needs contrasting factions to hammer out its policies." Fl-istess ħin, dawn il-fazzjonijiet jibqgħu 'healthy' sakemm jesprimu interessi ta' ideali u mhux dawk personali. Huwa biss meta dawn l-ideali jesprimu ħsibijiet politiċi, fejn 'the clash of views' għandu jkun 'welcomed'. Hawn biss fejn verament dawn il-konfrontazzjonijiet isiru "a rich resource for constant renewal." Dan ma seħħx wara t-telfa tal-2013. Dan nafuh għax wara t-telfa tal-2017 ħareġ fil-beraħ li l-fazzjonijiet li hemm fid-Dar Ċentrali spiċċaw jesprimu interessi personali u mhux dawk tal-partit. L-antidot għal dawk li jidħlu f'partit u jispiċċaw ma' fazzjoni u mhux ma' oħra, minħabba prinċipji ta' flus, tinsab fis-saħħa tal-prinċipji tal-ideali. Iżda dawn il-fazzjonijiet warrbu lil dawk li kienu fil-Partit Nazzjonalista għax ħabbew l-ideali tiegħu. B'hekk il-partit ma baqax "a rainbow of ideas and alliances." Kif kien kiteb tajjeb George Pullicino, "such a cultural diversity should have one common aim," u l-għan komuni kellu jkun il-kunċett tas-solidarjetà. Fl-istess waqt, kien ħareġ ċar fir-rapport tat-telfa tal-2013, li l-Partit Nazzjonalista ried joqgħod attent f'dak il-mument tat-telfa, li ma jispiċċax jagħmel alleanzi ma' *strange bedfellows*, kif fil-fatt spiċċa jagħmel.

Il-ħsieb politiku jeżisti biex jgħin partit politiku jkun ta' gwida u għajnuna lin-nies. U dan jista' jagħmlu, għaliex partit hu magħmul min-nies. Biex dan jista' jsir, u forsi din tinstema' paradossali, irid ikun hemm fit-tmexxija nies li għandhom għeruq fit-tradizzjoni tal-Partit Nazzjonalista

mħallta ma' element ġdid. L-esklużjoni ta' waħda minn dawn iż-żewġ ingredjenti, kif ġara wara l-2013, twassal għal dak li kont bassart, jiġifieri għall-falliment katastrofiku tal-istess partit, u tgħin lil min għandu interessi estranei għall-ħsibijiet politiċi tal-partit biex iqawwi l-għeruq tiegħu fl-istess strutturi tal-partit.

## L-Aspett Ambjentali

F'din id-dinja li qed tiżviluppa, jidher ċar li mhux biżżejjed li wieħed jibni fuq it-tradizzjoni u l-awtorità. Żgur li se nassistu għar-ritorn tax-xjenzi umanistiċi, fejn se naraw jikber aktar il-bżonn tal-għarfien, f'dinja li, trid jew ma tridx, qed tmur aktar lejn żvilupp organiku. Hawn biss jinsab it-tkabbir armoniku u bilanċjat ta' pajjiżna. Biss dan jinkludi t-tħaddim ta' valuri ġodda. L-iżvilupp ekonomiku u finanzjarju miexi fuq dawn il-linji. Jekk dan jgħodd ghall-ekonomija, se jgħodd ukoll għall-politika u fuq kollox għall-ambjent.

## L-'Environmental Stewardship'

Dak li kien ġie ssuġġerit fl-2013 kien li fil-ħames snin li ġejjin, il-Partit Nazzjonalista fl-oppożizzjoni ried jieħu numru ta' 'robust steps' u jkun inekwivokali fuq valuri ambjentali. F'dan il-qasam se jkun hemm bżonn ta' aktar minn *commitment* politiku. L-ikbar sfida ambjentali se tkun ġejja mid-distruzzjoni tal-bijodiversità. Illum qed ngħixu għall-ikbar estinzjoni tal-ħajja fid-dinja minn mindu bdiet il-ħajja fil-pjaneta tagħna madwar 3.8 biljun sena ilu. Il-qerda ta' strutturi abitati fil-baħar, fl-art u anki fl-arja wassal biex f'seklu nqerdu bejn wieħed u ieħor minnnofs sa terz tal-ispeċi kollha li għandna fid-dinja. Quddiem din il-qerda kollha, il-kunċett ta' bijodiversità bilkemm jingħata importanza u mhux suġġett ta' diskussjoni. Hawn wieħed irid jiftakar li s-sors tal-enerġija tagħna, jiġifieri l-*fossil fuels*, huwa prodott li sar fuq miljuni ta' snin u nbena fuq il-bijodiversità. Iżda mbagħad, id-diskussjoni ddur madwar il-kwistjoni tal-bdil fil-klima li normalment tkun anki mogħtija bħala l-kawża ta' numru ta' avvenimenti katastrofiċi fid-dinja u l-biża' li ż-żieda fil-klima se twassal għal dak li qed jissejjaħ interferenzi antropoġeniċi, għaliex numru ta' postijiet fid-dinja se jispiċċaw mhux abitabbli. Id-diskorsi li saru sa issa fuq l-ekoloġija, kemm

mill-politiċi u anki minn istituzzjonijiet reliġjużi, kienu dejjem omoċentriċi. Kważi kważi, qed nitkellmu dwar il-kunċett ta' ekoloġija umana. Dak li għandna bżonn fil-politika hija, kważi kważi, rivoluzzjoni ġdida, bħalma kienet dik ta' Copernicus, jiġifieri t-tibdil tal-paradigma użata sa issa fl-istudju ta' ekoloġija umana. Bħalma Copernicus neħħa lid-dinja miċ-ċentru ta' kollox u hemm inbeda progress ġdid xjentifiku, wieħed jistaqsi jekk ma wasalx iż-żmien ukoll li l-bniedem ma jibqax jiġi ttrattat bħala ċ-ċentru tal-ambjent. Dan ifisser li wieħed jibdel il-mod kif ekonomikament iħares lejn l-ambjent u dan għandu jsir f'kuntest aktar wiesa' u forsi anki kożmiku.

Il-waqgħa fin-numru tal-popolazzjoni mhijiex se tnaqqas l-effett tal-istress fuq il-pjaneta tagħna jekk din ma tkunx akkumpanjata wkoll minn waqgħa fuq il-konsum u l-metodu tal-konsum. Inċidentalment il-konsum żied sproporzjonalment minn mindu ċkienet il-familja. Dan wassal biex tkabbar il-waqgħa fis-sistema globali tal-ekosistema tagħna. Iżda sakemm jintlaħaq il-bilanċ mixtieq, bejn il-produzzjoni u l-kobor tal-popolazzjoni, il-ħsara fuq dik li qed titqies bħala l-fertilità tad-dinja nnifisha tista' tkun irriversibbli. Dan għaliex dawn it-tibdiliet jistgħu jsiru biss fuq medda ta' snin.

F'dan il-kuntest jidħlu wkoll aspetti lokali bħall-kaċċa u l-insib. Dan kien element li ħareġ fl-analiżi tat-telfa tal-2013. Għalhekk, meta l-Partit Nazzjonalista kellu jiġi biex jittratta dan is-suġġett, ried jiddistingwi sew bejn il-kaċċa u l-insib. L-aktar ħaġa li tweġġa' lill-pubbliku inġenerali hija l-kaċċa bis-senter, kemm għaliex tirrappreżenta qtil vjolenti ta' għasafar u fuq kollox għaliex issir b'mod indiskriminat. Fil-perċezzjoni tan-nies, il-kaċċaturi jisparaw lejn kull rixa li ttir. Min-naħa l-oħra, l-effetti tal-insib fuq il-fawna huma ħafna aktar limitati mill-kaċċa bis-senter. Fuq kollox in-nassab juża l-abbiltà tiegħu biex jaqbad għasfur ħaj u jipprova jrabbih. Għalhekk, f'kuntest Ewropew, il-Partit Nazzjonalista kellu jagħmel distinzjoni dwar dawn iż-żewġ setturi b'aktar sensittività. Dan ma għamlux fir-referendum dwar il-kaċċa u b'hekk tilef opportunità li jdawwar dan ir-referendum f'vittorja pirrika għal-Labour jekk mhux ixaqleb ir-riżultat favurih u jġib lil-Labour fil-pożizzjoni li hu kien ġab lill-PN fir-referendum dwar id-divorzju.

## Konklużjoni

Wara l-2013, il-Partit Nazzjonalista kellu jerġa' jingħaqad wara viżjoni waħda. Din il-viżjoni kellha ssegwi t-trilogija ta' viżjoni ta' valuri, viżjoni ta' ideali u viżjoni ta' solidarjetà. B'hekk seta' jkompli jagħmel minn Malta post aħjar fejn wieħed jgħix. Waqt li dan seta' jinstema' wara t-telfa tal-2013 bħala diskors maqtugħ mir-realtà tal-ħajja, u forsi għalhekk dan il-kapitlu qatt ma ġie inkluż fir-rapport tat-telfa tal-2013, il-poplu dejjem ħassu fqir jew qed jiftaqar meta induna li qed jitlef il-valuri tiegħu. Dawn il-valuri ma jiġux minn pożizzjoni ta' arroganza, li fil-Partit Nazzjonalista tissarraf f'viżjoni liberali, iżda jiġu billi l-politiċi jesprimu awsterità u s-sempliċità fil-ħsieb u fl-imġiba politika tagħhom.

Għalhekk, aktar minn qatt qabel, irid ikun hemm aktar saħħa fl-ispirtu, u trid tintwera kapaċità li l-Partit Nazzjonalista jerġa' jibda juri, kif kien jiġri fi żmien Eddie Fenech Adami, li kapaċi jaħseb fl-oħrajn. Dan seta' jagħmlu billi l-ewwel ikun hemm ftuħ ġenwin – xi ħaġa li ma ġratx. Dan kellu jseħħ meta kull membru fil-Partit Nazzjonalista jieħu 'down to earth approach'. Dan fisser li l-partit kellu jerġa' jiġġedded u b'hekk jiġi kkreat interess ġdid lejn il-Partit Nazzjonalista. Il-bieb kellu jkun miftuħ għal kulħadd. Erba' snin wara smajna l-istess diska minn dawk li qed jikkontestaw għal-*leadership* tal-Partit Nazzjonalista, li konna smajna minn dawk li kkontestaw għal din l-istess kariga fl-2013!

Biss, fl-analiżi tat-telfa, ħareġ li din ma kinetx se tkun missjoni faċli. Mhux għax il-Partit Nazzjonalista ma kienx kapaċi jinfetaħ jew jiġġedded, iżda għall-fatt li s-soċjetà diġà kienet meqjusa li qed issir dejjem aktar xettika u sekulari. Iżda fl-istess ħin, din is-soċjetà kienet diġà qed tħossha aktar li qed tgħix f'baħar imqalleb. Din il-perċezzjoni tikber meta persuna jkun qed jonqosha x-xogħol stabbli. Għalhekk, ħafna jaħsbu li mhux bilfors, f'kollox, din is-soċjetà sejra għall-aħjar. Iżda lanqas hija soċjetà li ma jimpurtahiex mir-ruħ soċjali. In-nies ifittxu lill-partiti politiċi għall-protezzjoni, anki jekk wieħed irid jammenti li din il-protezzjoni mhux dejjem ġiet mogħtija jew setgħet tiġi mogħtija kif forsi wieħed kien jixtieq. Meta ġara dan, id-dinjità tal-bniedem batiet. Hija din id-dinjità li hemm f'kull wieħed u waħda minna li trid tibqa' fil-qofol tal-messaġġ politiku tal-Partit Nazzjonalista.

Fil-kuntest fejn il-Partit Laburista abbanduna l-qasam tradizzjonali tiegħu biex jieħu l-linja neo-Maltusjana, dan kellu jsaħħaħ u mhux idgħajjef lill-Partit Nazzjonalista. Għalhekk nemmen li l-Partit Nazzjonalista ma għandux jaqta' qalbu anki jekk din il-linja ġdida tat lill-Partit Laburista

rebħa kbira fl-2013. Il-problema li wieħed ried jara kienet jekk din l-istess rebħa hux se tkun waħda pirrika jew le. Kont ktibt li ż-żmien għad jurina jekk din l-evalwazzjoni hux se tkun korretta jew le. Kien biss tort tal-Partit Nazzjonalista u l-pożizzjoni ideoloġika li ħa wara l-2013 li salvat lill-Partit Laburista milli jdawwar ir-rebħa tal-2013 f'waħda pirrika. Il-Partit Nazzjonalista ma għarafx jappella għall-vot tradizzjonali Laburista. Anzi kompliet titmexxa minn nies li f'qalbhom għandhom ħdura storika lejn il-votant Laburista.

Hi x'inhi l-evalwazzjoni li wieħed jagħti, il-valuri tas-solidarjetà, imħaddma b'dinjità u b'virtù, iridu jkunu l-linji gwida għall-Partit Nazzjonalista. Illum, aktar minn qatt qabel, irid iħaddimhom fil-prattika. Fi kliem aktar sempliċi, il-Partit Nazzjonalista jrid isir il-vuċi tal-fqir, ma jibqax jarahom bħala ħamalli, għaliex dan l-istess fqir, aktar ma se jgħaddi ż-żmien, aktar se jkun imwarrab u abbandunat. Kif turi l-istorja, huwa l-fqir li finalment jiddetermina min jirbaħ il-ġlieda politika.

Din l-analiżi twila turi wkoll li l-Partit Nazzjonalista ried joqgħod ħafna attent li ma jaqax fin-nassa u jibda jimita lill-Partit Laburista f'kollox. Kif ġara, l-istrateġisti tal-PN ħasbu biex jimitaw f'kollox lil Muscat minħabba r-rebħa storika li hu kien għamel. Kont għedt ċar li dan kien se jkun żball kbir. U hekk ġara. Il-Partit Nazzjonalista ried joqgħod attent ħafna għaliex wieħed ried jara l-ewwel x'se jkunu l-konsegwenzi politiċi għall-Partit Laburista wara din ir-rebħa tiegħu.

Wieħed irid jiftakar li, fl-1996, il-Partit Laburista kien għamel ukoll rebħa storika, iżda llum, kontra dak li kien ntqal fl-1996, ħadd ma għadu jitkellem fuq din ir-rebħa politika. Wisq aktar ma kellu l-Partit Nazzjonalista jitħalla jitkaxkar u jimxi fuq mudelli ta' movimenti, li fil-verità qed jissarrfu biss f'rigali lil dawk li offrew il-lealtà assoluta lil Dr Joseph Muscat. Dan hu dak li Simon Busuttil ipprova jagħmel matul iż-żmien ta' tmexxija tiegħu. Hu offra rigali lil dawk li wegħduh l-appoġġ tagħhom.

Il-Partit Laburista kien storikament magħmul fuq struttura ta' moviment, iżda dan wassal għall-pożizzjoni irrikonċiljabbli. Aktar importanti minn hekk, dan il-moviment ma nżammx flimkien fuq prinċipji ta' ideali iżda l-għaqda fi ħdanu kienet abbażi ta' flus. Meta movimenti jkunu bbażati fuq ideali, ir-riskju hu li jfallu jew xi mkien jidħlu f'konflitt. Mudelli mill-qasam internazzjonali hemm bil-bosta, inkluż dak li seħħ fl-Italja. Malta għandha t-tendenza li minħabba li l-Italja hi fil-qrib, il-politika Taljana tintuża bħala mudell għalina.

Il-Partit Nazzjonalista ma għandux jibża' milli jiddefendi l-valuri li jemmen fihom u jekk jagħmel hekk, se jsib il-poplu warajh. Dan ġie nnutat minn aktar minn persuna waħda. Fuq kollox, il-Partit Nazzjonalista ma għandux għalfejn jistħi mill-passat storiku tiegħu. Għalhekk, kif spjegat persuna (raġel ta' 58 sena) lill-Kummissjoni, "it must not try and re-invent itself. The PN should be proud of its history, not ashamed of it. No need to change the name, logo or anthem of the party." Forsi dawn l-argumenti jidhru ontoloġikament kontradittorji fi studju ta' telfa għal dan il-partit ta' matriċi konservattiva. Biss il-kummenti li rċevejna juru li n-nies qed tinsisti li l-futur tal-Partit Nazzjonalista huwa fil-ħsieb popolari u t-tfittix ta' spiritwalità ġdida. Ma għandniex dubju li l-elettorat japprova u jippremja l-kuraġġ tal-politiċi meta jfittxu s-sewwa u ma jiddejqux jgħidu li kienu fl-iżball. Dan hu element li Joseph Muscat għarfu sewwa u aktar minn darba ammetta matul l-ewwel leġiżlatura li żbalja.

F'dan il-kuntest, għalhekk, il-Partit Nazzjonalista ma għandux *issue* quddiemu biex isir aktar liberali waqt li jħalli warajh il-viżjoni soċjali li storikament kibret mal-ħsieb Kattoliku. Kull meta l-Partit Nazzjonalista mexa lejn il-politika liberali, u f'dawn il-ħames snin, jiġifieri bejn l-2013 u l-2017, din ħadet *over* fil-partit, il-Partit Nazzjonalista ġarrab telfiet kbar. Il-politika liberali fil-Partit Nazzjonalista hija sinonima ma' tip ta' mixja ta' żvilupp ekonomiku u, wisq agħar, ma' ċerti attitudnijiet ta' nies li ħlief arroganza ma ġabux magħhom.

Il-Partit Nazzjonalista jrid jirritorna għar-rebbiegħa ta' nofs is-snin sebgħin billi jerġa' jsir partit verament miftuħ, fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod transparenti waqt li jissaħħu l-prinċipji ta' etika li jmexxu kull deċiżjoni f'dan l-istess partit. Ir-rapport tat-telfa tal-2013 wera l-bżonn ta' numru ta' riformi fl-amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista ħalli b'hekk ikun jista' jitnaqqa minn ġo fih kull element ta' biżantiniżmu u tkun ikkreata amministrazzjoni li, kemm jista' jkun, tkun bħal tikmixa jew kif jgħidu bl-Ingliż 'seamless.'

Fil-verità, il-maġġoranza kbira tan-nies qatt ma jitolbu xejn. Dak li jridu hu s-sewwa, il-ħolqien tal-ġid u t-tqassim tal-istess ġid b'mod ġust u kif jixraq fis-soċjetà. Fuq kollox iħossu li min jixtieq jaħdem għandu jitħalla jaħdem waqt li l-Gvern ikun ħanin u jieħu ħsieb il-batut. Dawn il-prinċipji kienu wara t-twaqqif tal-*Unione Politica Maltese* ta' Ignazio Panzavecchia u saru l-prinċipji primarji tal-Partit Nazzjonalista, meta saret l-għaqda fl-

1924, bejn dan il-grupp kbir popolari u wiesa' tal-UPM mal-grupp immexxi minn Dr Nerik Mizzi, u b'hekk ġie kkreat il-Partito Nazionale, fejn aktar 'il quddiem biddel ismu fil-Partit Nazzjonalista.

Taħt it-tmexxija ta' Eddie Fenech Adami dawn il-prinċipji ngħataw ħajja ġdida, fil-kunċett tqil tas-sussidjarjetà u dak eħfef, biex jifhmu kulħadd, tas-solidarjetà. Żewġ kunċetti proposti minn Fr Peter Serracino Inglott li l-familja tiegħu kienet ta' tradizzjoni Panzavekkjana. Dawn il-kunċetti qegħdin dejjem narawhom jiddominaw fil-kuntest intern tal-elezzjoni ta' kap ġdid, kemm fl-2013 u fl-2017. F'dawn l-elezzjonijiet dejjem kien hemm erba' kandidati u dawn dejjem qablu li l-Partit Nazzjonalista għandu jkun il-Partit Popolari u mingħajr ma jafu dejjem tkellmu fuq partit, kif xtaqu l-vera fundatur tal-Partit Nazzjonalista, jiġifieri Panzavecchia.

Kienu dawn il-prinċipji tas-sussidjarjetà u solidarjetà li mexxew lill-Gvern ta' Eddie Fenech Adami u wara ta' Dr Lawrence Gonzi. Dawn il-prinċipji għenu biex il-Maltin ma jitkissrux mill-kriżijiet ekonomiċi li dawn il-gvernijiet iltaqgħu magħhom u li farrku ħafna pajjiżi ġirien tagħna. Anzi hemm qbil li kieku l-Gvernijiet Nazzjonalisti ma ħadux il-miżuri ekonomiċi li ħadu, kieku Malta kienet tispiċċa bħall-pajjiżi l-oħrajn, u t-telfa għal Malta, għall-istess nies, li ħassew li kienu qegħdin ibatu u għall-Partit Nazzjonalista, kienet tkun ikbar. Mingħajr dawn il-prinċipji, it-telfa elettorali fl-2013 kienet tkun ikbar ukoll. Infatti, għaliex dawn il-prinċipji twarrbu, it-telfa kibret u mhux naqset fl-2017. Konvint li 'l quddiem il-Gvernijiet Nazzjonalisti ta' Eddie Fenech Adami u Lawrence Gonzi jingħataw aktar raġun iktar milli qed jingħataw illum. Iżda hu fatt li l-elettorat jagħti aktar importanza lill-istampa ż-żgħira li tkun l-aktar qribu u l-aktar li tkun qed toqorsu mill-qrib milli l-viżjoni l-kbira.

Għalhekk, quddiem dawn il-fatti tal-istorja, u l-ereditá li ħalla Eddie Fenech Adami, il-Partit Nazzjonalista ma għandux jibża' jkompli miexi fuq il-prinċipji bażiċi tiegħu. Jekk irid jibdel dawk il-prinċipji bażiċi, allura jkun qed jikkrea partit ġdid u partit tellief, kif fil-fatt ġara. Finalment, hija d-deċiżjoni tal-partitarji li juru huma x'partit politiku jridu, biss partit mingħajr prinċipji politiċi mhuwiex partit politiku u huwa perikoluż għas-soċjetà Maltija. F'dan il-kuntest, dawn il-ħsibijiet kollha espressi f'dan il-kapitlu jingħabru f'dawn il-ftit kelmiet li l-Kummissjoni rċeviet: "The role of the PN Party is to be the voice of conscience and vision."